

# MADONNA TA' PINU

# MADONNA TA' PINU

perjodiku ta' kull xahrejn

Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

*Kull korrispondenza għandha tkun indirizzata hekk:*

L-Editur,
"Madonna ta' Pinu",
Ċentru Kulturali Marjan,
Ta' Pinu, Għawdex.
Numru tat-Telefon: 556187.

**Abbonament għal sena:**

Lokali: Lm1.
Sostenitur: Offerta libera.

Barra minn Malta: Lm1.50ċ
Sostenitur: Offerta libera.


## INTENZJONI TA' DIN IL-ĦARĠA

Biex fuq l-eżempju tal-Verġni Marija nimxu wara Ġesù fit-triq tas-Salib u magħhom naqsmu wkoll fil-Glorja tal-Qawmien.


*"Gozo Press", Tel. 551534.*

VOLUME III — SENA X — NRU. 44

**JANNAR — FRAR 1989**



| | | |
|---|---|---|
| * | Il-Kelma tar-Rettur | 169 |
| * | Innoloġija Marjana | 170 |
| * | Agħmlu dak li jgħidilkom Hu | 173 |
| * | Ma' Marija fiż-Żgħożija | 175 |
| * | Santwarji Marjani f'Għawdex | 176 |
| * | Il-Madonna ta' Pinu fi Prato l-Italja | 178 |
| * | The Famous Staircase | 180 |
| * | Tfal Tħobbuha lill-Madonna? | 181 |
| * | Iċ-Ċenaklu | 182 |
| * | Tama u Faraġ | 188 |
| * | Blessed is She | 189 |
| * | Regina Pacis | 191 |
| * | Mill-Ħajja tas-Santwarju | 192 |
| * | Grazzi Madonna Għax Smajtni | 193 |


## STAMPA TAL-QOXRA:

L-istampa tal-Qoxra turi l-Kwadru Mirakuluż li minnu l-Madonna Ta' Pinu kellmet lit-twajba Karmela Grima fit-22 ta' Ġunju, 1883. Dan il-kwadru, xogħol il-pittur Amadeo Perugino, tpitter fis-sena 1619. Din ix-xbieha tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier fl-1935.



# Il-Kelma tar-Rettur

*Fit-2 ta' Frar, il-Knisja tfakkar il-ġrajja ta' meta Sidtna Marija ħadet lil Binha Ġesù fit-tempju biex, kif kienet tordna l-liġi ta' Mosè, tippreżentah lil Alla l-Missier.*

*Sidna Ġesù, li kien l-istess Alla, ma kienx suġġett għal din il-liġi, iżda biex bħala bniedem ikun f'kollox bħalna, barra mid-dnub, u jkun ta' eżempju għalina, anħa min aħna, ta' kif għandna nobdu l-liġi t'Alla, ried li jkompli bir-reqqa kollha kull ordni ta' Mosè. Iżda, għad li Ġesù, matul il-ħajja tiegħu, tana diversi drabi eżempji ta' kif għandna nġibu ruħna mal-liġi tal-Mulej, aħna ta' bnedmin dgħajfa li aħna, mhux darba u tnejn inqasna minnha, ma tajniex każ tagħha u għamilna dak li għoġob lilna.*

*Il-bniedem bil-għerf tiegħu wasal biex jibni imperu l-aktar qawwi ta' xjenza u ta' teknoloġija, iżda dan, minflok li ressqu lejn Alla, għamlu aktar egoista u materjalista u begħdu aktar minnu u wasal biex sar ilsir tal-istess xjenza tiegħu. Dan ġara minħabba n-nuqqas ta' lealtà lejn il-liġi t'Alla, għaliex il-firda minn Alla ġġib magħha kull xorta ta' abbuż u diżubbidjenza.*

*Imma l-Knisja mwaqqfa minn Ġesù sabiex tgħin lill-bniedem jagħraf l-iżbalji tiegħu u jindem minnhom, għażlet żmien, ir-Randan Imqaddes, biex fih idur dawra mal-kuxjenza tiegħu u jara f'hiex qed jonqos. Fil-ġranet tar-Randan ripetutament twissina bi kliem Sidna Ġesù "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba".*

*Il-Knisja dan ma tagħmlux sabiex timliena bid-dwejjaq, anzi għall-kuntrarju, sabiex teħlisna minnhom. Għaliex min igħix qrib ta' Alla, aktar igħix kuntent. Huwa veru li meta aħna nagħrfu l-iżbalji tagħna tiġina t-tentazzjoni li naqtgħu qalbna. Imma Alla huwa dejjem lest li jilqagħna jekk aħna nkunu umli, nagħrfu l-miżerja tagħna u nindmu mill-ħażen li nkunu wettaqna.*

*Hija drawwa antika fil-Knisja, li fil-festa tal-Preżentazzjoni ta' Sidna Ġesù, festa li aħna nsibuha wkoll il-festa tal-"Gandlora", tqassam ix-xema' fost dawk li jkunu preżenti, għall-Quddiesa prinċipali tal-ġurnata, biex jixgħeluhom waqt il-quddiesa, ċerimonja li biha l-Knisja tfakkarna li Ġesù huwa d-Dawl tad-dinja. Ġesù huwa dawl spiritwali għall-problemi u d-dubji kollha li jħawdu moħħ il-bniedem. Meta Xmun refa' fuq dirgħajh lil Ġesù, qal: "Dawl biex idawwal lill-ġnus". Ġesù huwa wkoll il-ħelsien. Xmun kompla jgħid: "Issa, o Sinjur, ħalli lill-qaddej tiegħek imur fis-sliem skond kelmtek, għaliex għajnejja raw il-ħelsien tiegħek!"*

*Barra mid-dawl ta' Sidna Ġesù hemm ukoll dak ta' Marija, omm Ġesù u ommna. "U inti sejf jinfidlek qalbek" kompla jgħid Xmun lil Marija. Ommna Marija tgħallimna (a) is-saħħa fil-fidi, anke jekk din titlob minna sagrifiċċju fl-ideat, fil-qalb tagħna, kif ukoll fis-sensi tagħna. (b) Tgħallimna l-kuraġġ u t-tama, żewġ virtujiet tant bżonnjużi fil-ħajja tagħna nisranija.*

*Tajjeb, għalhekk, li f'dawn il-ġranet ta' Grazzja, imnedija mill-Knisja Ommna, ir-Randan Imqaddes, nirrikorru lejn Sidna Marija, biex timliena bil-qawwa u l-kuraġġ, ħalli mdawlin minn Sidna Ġesù, infittxu li nagħrfu l-iżbalji tagħna, nitolbu maħfra tagħhom, ħalli nibdew ħajja ġdida, ħajja li tagħmilna aktar qrib Alla, aktar hienja fuq l-art, ħajja li twassalna fil-glorja fi ħdan il-Missier, ħuna Ġesù u Ommna Marija fis-sema.*

# INNOLOĠIJA MARJANA

Mill-
Eċċ. T. Mons.
Isqof N. Cauchi

## (23) Poeżija Maltija Kontemporanja

Intemmu din il-lista twila ta' poeti li f'kull żmien u bl-ilsna differenti għannew it-tifħir lill-Madonna, billi nagħtu daqqa t'għajn ħafifa lil ħames poeti Maltin, ta' żmienna, u li tlieta minnhom huma reliġjużi, jiġifieri ġiżwita, kapuċċin u patri ta' Ġieżu.

### Patri Ġużeppi Delia S.J.

Patri Delia twieled is-Siġġiewi fl-1 t'April, 1900. Studja fl-iskola primarja tar-raħal u fil-Kulleġġ ta' San Lwiġi. Daħal novizz mal-Ġiżwiti fi Sqallija u kompla l-istudji teoloġiċi f'Dublin u f'Ruma. Ġie ordnat saċerdot fl-Irlanda fil-31 ta' Lulju, 1930. Fil-Kumpanija ta' Ġesù, kellu diversi uffiċċji, fosthom Rettur tal-Kulleġġ ta' San Lwiġi, l-ewwel provinċjal tal-Provinċja Maltija li nqatgħet minn dik ta' Sqallija, superjur tad-dar tan-Naxxar u iktar tard f'dik ta' San Filippu ta' l-Isla. Kien edukatur għaqli u predikatur magħruf.

Kellu ħafna għal qalbu l-ilsien u l-letteratura Maltija u ħajjar diversi żgħażagħ biex jagħtuha għall-kitba. Kien wieħed mill-membri tal-Kunsill tal-Kittieba Maltin. Barra mill-publikazzjonijiet ta' xeħta axetika, bħalma huma l-meditazzjonijiet, ħalla wkoll xi xogħlijiet poetiċi, fosthom "**Leġġendi**" u "**Meta toħlom il-Qalb**". Miet fid-29 ta' Settembru 1980. (Leħen is-Sewwa 1/11/80 paġ. 5). Patri Delia beda jikteb bil-Malti fl-1922, meta kien għadu jistudja Spanja, fejn qaleb ukoll għall-Ispanjol il-poeżija "**Vjatku**" ta' Dun Karm. Fil-poeżiji tiegħu huwa għaraf jinseġ flimkien is-sempliċità ta' kliem ħafif mal-profondità tal-ħsibijiet u tas-sentimenti reliġjużi tiegħu. F'waħda mil-leġġendi ħelwin tiegħu, "**Il-Madonna Purtinara**" jesprimi l-fiduċja fil-Verġni Mbierka fil-mumenti ta' dubju u ta' kriżi. Imħabbtu lejn il-Madonna tinħass ukoll f'poeżiji oħra bħal "**Ave Marija**" li minnha nisiltu din l-istrofa:

"Kif fuq ix-xefaq kemm-kemm bajdani,
Troxx bi ħlewwitha tas-sebħ id-dija,
Lilek, Sultana, b'leħinhom safi
Isellmu l-qniepen: Ave Marija".

### Rużar Briffa

Kien iben Duminku Briffa u Ġannina Debono u twieled fil-Belt Valletta fis-16 ta' Jannar, 1906. Ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tal-Gvern, fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta. Kiseb il-grad B.Sc. fl-1928 u d-Dottorat fil-Mediċina fl-1932 u beda jaħdem ta' tabib. Speċjalizza fid-dermatoloġija u fil-mard tropikali, billi għamel kors ta' studji fl-Institute of Dermatology ta' Londra u ieħor fil-Calcutta School of Tropical Diseases, fl-Indja. Kien lecturer fuq dan is-suġġett fil-Medical School mill-1951 sal-1963 u konsulent mediku f'diversi sptarijiet ta' pajjiżna.

Beda joħroġ "**Leħen il-Malti**" fl-1931 u flimien ma' Dr. Ġużè Bonnici, waqqaf l-Għaqda tal-Malti (Università) fl-istess sena. Il-poeżiji tiegħu, li qabel kienu dehru fil-Pronostku u f'xi rivisti letteraji, ġew miġbura fi ktieb stampat fl-1960. Dr. Rużar Briffa miet fit-22 ta' Frar, 1963.

Waħda mill-isbaħ poeżiji li ħarġu minn moħħ u minn qalb dan il-poeta hija talba lill-Addolorata li ġġib l-isem "**Il-Għanja ta' l-Imnikket**".

O Madonna tad-Duluri,
mhux il-ward
jien fittixt ħa nsebbaħ darek
u nfewwaħlek lil artalek,
imma xewk minn qalb ix-xagħri
u l-għollieq, marrad musfari,
O Madonna tad-Duluri,
dana biss.

O Madonna tad-Duluri,
l-oħrajn ġew
u bid-deheb għammru lil darek

u bil-ħaġar sawwru artalek —
jiena biss kont il-barrani,
mingħajr ward u deheb il-għani,
jiena biss!

O Madonna tad-Duluri,
ma stmerrejtx,
Int l-imnikket ġewwa darek,
'ma tbissimt minn fuq artalek;
kollok ħlewwa, kollok ħniena,
serraħt int lill-qalb għajjiena,
Inti biss!

(Il-Muża Maltija, Prof. Ġ. Aquilina, paġ. 131).

## Patri Mattew Sultana, Kapuċċin

Twieled ix-Xagħra, Għawdex, fil-5 t'Awissu, 1918. Wara li studja fl-iskola tal-Gvern ta' raħal twelidu u fis-Seminarju t'Għawdex, fl-1934 daħal novizz mal-Patrijiet Kapuċċini u rċieva l-Ordinazzjoni Saċerdotali fl-1942. Barra mix-xogħol ta' Kappillan fl-isptarijiet, Patri Mattew għallem fil-Kulleġġ ta' l-Ordni, kif ukoll fl-Istitut Tekniku tal-Gvern. (Profil Leħen is-Sewwa, 28/6/80, paġ. 7). Miet fis-17 ta' Frar, 1986.



Il-poeżiji tiegħu dehru f'xi perijodiċi fosthom "Leħen il-Malti", "Leħen is-Sewwa", u "Għawdex". Għamel ġabra tagħhom fil-ktieb "**Ħsieb u Ħajja**". Kiteb ukoll rumanz, "**Destin ta' Mħabba**" (1959).

Huma kotrana l-poeżiji li kiteb dwar il-Madonna, speċjalment fuq is-suġġett tat-Twelid tagħha, "Marija Bambina". Hija ħelwa wkoll din is-silta mill-poeżija "L-Angelus" (Il-Muża Maltija paġ. 226):

"Ma' tmiem il-jum kif tħeġġeġ
is-sbuħija....
Fl-ibliet u r-rħula kollha ddoqq qanpiena
U ma' leħinha jitlob il-ħolqien:
"Is-Sliem Għalik"...u jgħid l-Ave
Marija
Imbagħad jimtedd fi ħdan il-poeżija.



## Dr. Anton Buttigieg LL.D.

Twieled il-Qala, Għawdex minn Salvatore u Konċetta Falzon fid-19 ta' Frar, 1912. Wara li temm l-iskola primarja tal-Qala, mar jitgħallem fis-Seminarju Minuri t'Għawdex, fejn iltaqa' mal-Professur Ġużè Aquilina, li dak inhar kien student bħalu, u dan mexxieh fl-ewwel passi tal karriera letterarja billi għallmu l-elementi tal-Prosodija Maltija.

Meta l-familja ta' Buttigieg marret toqgħod Malta, daħħluh student fil-Kulleġġ ta' San Luigi fejn ħa l-matrikola. Wara daħal is-Seminarju tal-Turjana u għal tliet snin studja t-Teoloġija. Mill-Università ta' Malta, ħa l grad ta' B.A. fl-1934 u ta' Duttur fil-Liġi fl-1940. Barra milli ħadem ta' Avukat, Dr. Buttigieg kien attiv fil-politika, sar Deputy Leader tal-Malta Labour Party fl-1962, kien membru tal-Parlament, okkupa diversi ministeri fosthom dak tal-Ġustizzja u ta' l-Affarijiet Parlamentari u fl-1976 laħaq President tar-Repubblika Maltija. Miet fil-5 ta' Mejju, 1983.

Ġie msejjaħ "**il-poeta tan-natura**" fuq l-eżempju tal-poeta Ingliż William Wordsworth. Buttigieg kiteb poeżiji magħrufin mhux biss għall-ħlewwa u għall-oriġinalità tagħhom, iżda wkoll għassens reliġjuż l-iktar profond li xi wħud minnhom jaħbu fihom. Fost il-kotba talpoeżija li ppubblika, hemm "**Mill-Gallerija ta' Żgħożiti**" (1946), "**Fanali bil-lejl**" (1949) u "**Ejjew nidħku ftit**" li hu ktieb ta' epigrammi.

Il-qima tiegħu lejn il-Madonna, tidher f'diversi poeżiji tiegħu fosthom waħda mill-aktar bikrin li minnha ser nieħdu ssilta li ġejja, "Lil Omm Alla Tiegħi":

"Meta niftakar fik, Omm Alla tiegħi,
f'moħħi kull ħliqa nġib, safja bajdana:
il-ġilju ta' ġol-wied mimli bil-fwieħa,
ħamiema bajda fuq saqajn ħamrana.

'Mma fl-istess ħin li narak bla tebgħa,
fuq il-Kalvarju, narak wisq mikduda,
ħdejn Ibnek fuq salib bejn żewġ ħalliela,
b'qalbek b'seba' xwabel dlonk minfuda!

## Patri Marjan Vella O.F.M.

Twieled tas-Sliema fl-14 ta' Diċembru, 1927, daħal novizz mal-Patrijiet ta' Ġieżu fl-1942 u sar qassis fl-1952. Kiteb kemm proża kif ukoll poeżija. "**Ġiżimin Aħmar**" huwa l-ktieb li fih ġabar il-poeżiji tiegħu għat-tfal. Għandu wkoll ġabriet oħra ta' xogħlijiet poetiċi bħad-"**Dgħajjes tal-Karti**" ippubblikat fl-1969 u "**Qoffa Riħ**" mitbugħ fl-1985. Huwa awtur ta' żewġ oratorji fuq San Franġisk u fuq il-Madonna tas-Sacro Cuor. Ippubblika wkoll tmien bijografiji, waħda minnhom dwar il-Qaddej t'Alla Nazju Falzon. Patri Marjan miet fl-isptar San Luqa fil-25 ta' Frar, 1988. Ħafna drabi fil-poeżiji tiegħu jfaħħar lill-Verġni Mbierka, u meta kien marid flisptar qabel ma miet, kiteb l-aħħar sunett tiegħu li huwa talba sabiħa lill-Madonna.

Ħafna u ħafna poeti oħra barra mill-ftit li semmejna, fil-qasam tal-Letteratura Maltija, semmew b'tifħir lill-Verġni Omm Alla. Aħna ser nieqfu hawn, bit-tama, li oħrajn ikomplu x-xogħol mibdi minna, u jagħtuna tagħrif iktar sħiħ u dettaljat dwar dan is-suġġett li huwa parti mhix żgħira tal-poeżija reliġjuża.

TMIEM.

## IL-PURIFIKAZZJONI U L-PREŻENTAZZJONI TAL-MADONNA

Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom, skond il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej u biex joffru sagrificcju.

*(S. Luqa).*

Kienet il-konsagrazzjoni totali li Marija tat lilha nfisha lil Alla u dan stħoqqilha tkun daqshekk magħquda Miegħu hekk li ssir Omm.

*(Saċ. G. Alberione).*

Il-verġinità ta' Marija ġabitilna karattru ta' konsagrazzjoni li ntgħażlet mill-oħrajn kollha, biex tkun l-Omm tal-ġnus.

*(Max Thurlan).*

Ġesù hu l-ewwel tifel, "Primoġenitu" għax kellu jiġi ppreżentat fit-tempju, skond id-drawwa tal-Lhud. Marija tat lid-dinja "l-Iben ikkonsagrat".

*(P.C. Landucci).*



# *"Aghmlu Dak Li Jgħidilkom Hu"*

*Kitba ta'*
DUN SALV GRIMA

Ulied il-Knisja, aħna wlied ukoll Marija. Ħafna nsara jħossu r-rabta tagħhom ma' din Ommna u anke jesprimuha, fil-familja, fit-talb, fl-apostolat marjan, u mhux inqas fiż-żjajjar lis-santwarji ddedikati lilha. Iżda kull laqgħa li jkollna magħha Marija ma tridx ħlief tmexxina biex tlaqqagħna ma' Binha, il-veru Mgħallem tagħna, alavolja kultant dak li jgħallimna nsibuh iebes biex nifhmuh u iktar u iktar biex inwettquh.

***F'dawn l-artikli qosra, parti minnhom ibbażati fuq il-ktieb "The Hard Sayings of Jesus" ta' F.F. Bruce, inġeddu l-fiduċja f'Marija waqt li nistħajluha terġa' ssemmagħlna leħinha, bħal dak inhar tat-tieġ ta' Kana, biex b'ħerqa kbira tgħidilna:***

## *Kunu Mela Perfetti* (1)

"Kunu mela perfetti bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet" (Mt 5:48). Kristu talab dan flimkien ma' ġabra sħiħa ta' tagħlim ieħor, kull darba b'ċertu paragun: "Smajtu x'intqal...imma jiena ngħidilkom", magħruf bħala d-diskors tal-muntanja. (cfr. Mt 5-7).

Xi studjużi, quddiem din l-istedina ta' Kristu, ħasbuh qed jagħmel sejħa doppja: waħda dik ġenerali għal kulħadd, bħala nsara komuni, u l-oħra permezz ta' pariri ta' perfezzjoni, bħalma hi din, għal dawk ta' ħajja ta' qdusija. Iżda Kristu mhux xi għażla ried ipoġġi quddiemna, il-waħda jew l-oħra, bħallikieku bejn tnejn proposti minnu. Għandu l-istess sejħa waħda għal kulħadd, iżda differenti minn dik li toffri d-dinja. Hija s-sejħa tas-Saltna l-Ġdida għal dawk kollha li jridu jkunu segwaċi tiegħu.

Fil-fatt hemm qabża kbira bejn dak li tgħallem id-dinja u dak ġdid ta' Kristu. Li tagħmel il-ġid lil min jagħmillek pjaċir hu parir li jgħallmuh anke l-pagani, waqt li jgħallmu wkoll li hu ħażin tpatti l-ġid bid-deni. Iżda liema morali tgħallem li wieħed għandu jagħmel il-ġid saħansitra lil min ikun għamillu d-deni? Dik kristjana biss.

Biex tassew nissieħbu fis-Saltna l-Ġdida jeħtieġ li l-imġieba tagħna jkollha **xi ħaġa**

**aqwa**, iktar nobbli minn dik ta' l-oħrajn. "Ngħidilkom li jekk il-ħajja tajba tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:20). Hu fid-dawl ta' dan li Kristu qed isejħilna biex inkunu perfetti.

Iżda nistaqsu: Għaliex "bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet?" Min jista' jasal s'hemm? Mhux għalxejn tipprova?

Diġà rajna li l kuntest tal-kliem ta' Kristu huwa dwar l-imħabba, u għalhekk dwar l-imġieba tagħna mal-proxxmu. Kien Kristu stess li fisser min hu l-proxxmu u x'imġieba għandu jkollna miegħu. (cfr. Il-Parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb, Lq 10:25-37).

Ir-raġunament li toffri d-dinja hu bogħod minn dak li jgħallem Kristu. Nistħajluha tistaqsi: "Għax għandi nġib ruħi ta' proxxmu ma' dak li miegħi ma ġabx ruħu hekk?" Biex jilqa' kontra din id-diffikultà, id-dixxiplu ta' Kristu jeħtieġ lil xi ħadd bħala mudell, bħala ideal tiegħu, anke fejn hu diffiċli. Dan il-mudell hu "Missierkom li hu fis-smewwiet, itella' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex". (Mt 5:45).

Huwa Missier li ma jagħmilx diskriminazzjoni fl-imħabba tiegħu. U kien Kristu li għamilna wlied dan il-Missier biex inġorru fina dak ix-xebh anke fl-imġieba tagħna. Aħna għandna nkunu l-kopja fidila tiegħu fejn tidħol l-imħabba lejn l-oħrajn. F'San Luqa, fit-test parallelu għal dak ta' San Mattew, Kristu jkompli jfissrilna: "U tkunu wlied Alla l-għoli li hu tajjeb ma' l-ingrati u l-ħżiena. Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom". (Lq 6:35-36).

Għalkemm f'San Luqa kliem Kristu hu xi ftit differenti, nistgħu niġbru ż-żewġ verżjonijiet flimkien biex nifhmu l-waħda permezz ta' l-oħra, waqt li t-tnejn flimkien nistgħu narawhom xi ħaġa hekk: "Intom għandkom tkunu perfetti fl-egħmejjel tal-ħniena tagħkom, għax hekk hu Alla". Jew fi kliem ieħor: "Bħalma l-Missier tagħna huwa kollu ħniena mis-sema, hekk ukoll intom għandkom turu ħniena fuq l-art".

Is-sens tas-sejħa li għamlilna Kristu mhux wieħed tqil biex jiftiehem daqskemm hu tqil biex jiġi mwettaq. Għandna għalhekk stedina, għalina l-insara, biex:

a) nagħmlu xi ħaġa aħjar li tiddistingwina mill-bnedmin l-oħra, u

b) inħarsu lejn l-aqwa eżempju li nsibu f'Alla nnifsu, biex inkunu nistgħu nimxu 'l quddiem (kunu perfetti).

# TRID TGĦIN!!!

Jekk inti għandek xi kotba li jistgħu b'xi mod igħinu lil dawk li jkunu jridu jagħmlu użu mill-Biblijoteka Marjana tas-Santwarju u għalik ma humiex ta' siwi, lilna jistgħu jiswewlna ħafna jekk tgħinna sabiex nakkwistawhom.

**Dawk li jirregalaw aktar minn 500 ktieb ikollhom riservata għalihom sezzjoni mill-Biblijoteka li tissemma "N.N. Memorial Library".**

Naċċettaw ukoll oġġetti li huma żejda għalik jew tħoss li jistgħu jkunu utli għall-Mużew li għandna l-ħsieb li nwaqqfu fis-Santwarju.




## Ma' Marija fiż-Żgħożija

Mill-

**KAN. JOE MEJLAK**

# TATIANA GORITCHEVA U L-MADONNA

Il-magħruf kittieb Renè Lauretin, fil-ktieb tiegħu "Tutte le genti mi diranno beata", jippublika siltiet dwar waħda mara Russa, atea (jiġifieri ma temminx b'Alla), jisimha Tatiana Goritcheva, li bil-mod il-mod resqet lejn il-Madonna.

Min hi Tatiana Goritcheva? Trabbiet ma' ġenituri atei u ġiet edukata fl-ateiżmu. Waqqfet l-ewwel moviment femminista fir-Russja u tatu l-isem ta' Marija.

Wara li għexet ħajjitha f'ċiviltà atea, sabet l-ekwilibriju tagħha f'Marija, Omm Kristu. Hija stess irrakkontat il-konverżjoni tagħha f'intervista li saritilha fil-15 ta' Marzu, 1982. Nisimgħu lilha tirrakkonta.

"Jiena twelidt ġo familja atea. Kont ninteressa ruħi fil-Filosofija. Bdejt ninteressa ruħi fil-yoga.

"Darba kont qed nagħmel meditazzjoni u bdejt ngħid il "Missierna" għax fil yoga l "Missierna" hi forma ta' meditazzjoni. Bdejt ngħid din it-talba mingħajr ma kont nemmen bl-ebda mod li hemm Alla fis-Sema.

"Iżda, malli għidt il-"Missierna" xi ħames jew sitt darbiet, irrealizzajt li dan il-Missier mhux biss jeżisti, iżda jħobbni wkoll u ħalaq kull ħaġa madwarna.

"U skoprejt lili nnifsi bħala bniedma u bħala mara f'għaqda ma' l-Omm t'Alla.

"Din l-esperjenza u kuntatt ta' mħabba u djalogu ma' l-Omm t'Alla hi l-bażi ta' ħajjitna ġewwa r-Russja. Fil-Punent, ittendejt li l-Omm t'Alla xi drabi hija figura ideali biss, anzi xi kultant mhix aċċettata.

"Iżda għalina, l-Omm t'Alla, 'Teotokos', mhix idea jew figura ideali. Iżda l-Omm t'Alla hija qrib tagħna aktar milli aħna qrib tagħna nfusna. Għalina, Marija hija persuna reali; hija persuna komplita u trasfigurata li tgħinna biex aħna nittrasfiguraw ruħna (jiġifieri ninbidlu għall-aħjar).

"Meta stqarrejt dawn il-ħsibijiet tiegħi fil-Punent, kien hemm min qalli li ħa l-impressjoni li aħna npoġġu lil Marija flok Kristu, jew qabel Kristu. Dan żgur li le. Kristu hu Alla, "veru Alla u veru bniedem". U l-Omm t'Alla mhix "screen" biex tgħatti lil Kristu, iżda hija Dik li twassalna għand Kristu.

"Kristu ħa l-ġisem f'Marija, u għalina Marija hija xbieha tal-Knisja. Fl-istess ħin hi għandha post speċjali fil-Knisja li tagħha hija membru. Hi l-Omm t'Alla u t-triq li twassalna għand Kristu.

"Marija hija preżenti f'ħajjitna daqs Kristu, b'mod ċar u li nistgħu mmissuha b'idejna, tant li ma nistgħux inqisu lil Marija bħala ħaġa jew persuna astratta (jiġifieri qisha xi ħaġa jew xi persuna li qiegħda tgħix fl-ajru, 'il bogħod minna)".

# SANTWARJI MARJANI F'GĦAWDEX

*Kitba ta' MONS. CARMELO SCICLUNA, Arċipriet tal-Katidral*

## (12) IL-KOLLEĠĠJATA BAŻILIKA TAT-TWELID TAL-MADONNA

Wieħed ukoll huwa s-Santwarju Marjan li jinsab fir-raħal tax-Xagħra. Dan is-santwarju hu ddedikat lit-Twelid tal-Madonna.

Patri Alessandru Bonnici O.F.M. fl-artiklu tiegħu dwar il-"Ġrajjiet Bikrin tal-Parroċċa tax-Xagħra" li deher f'paġna 17 tal-ktieb li fakkar egħluq il-100 sena mill-Konsagrazzjoni ta' din il-Knisja Parrokkjali tax-Xagħra jgħidilna hekk: "Waqt il-viżta pastorali tiegħu, fis-sena 1687, l-Isqof David Cocco Palmeri ntebaħ bil-bżonn li jwaqqaf xi parroċċi ġodda fl-irħula ta' Għawdex li kienu mbegħdin mir-Rabat. Dawn l-inħawi li kienu fil-bżonn ta' Parroċċa, ma jissemmewx biss bl-isem tal-post; huma jissejħu bit-titlu tal-Knisja ewlenija tagħhom. Għalhekk, naqraw f'dokument qadim, li llum jinsab ippubblikat (Ara Alex. Bonnici, 'Il-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-ewwel parroċċi ta' Għawdex', 1975, pp. 118-120) li l-Parroċċi kellhom bżonn isiru f'Santa Margerita ta' Sannat, f'Sant'Anton tax-Xagħra, f'Santa Marija tal-Qala, u f'Santa Marija tal-Mirakli (Din ta' l-aħħar tissemma mingħajr indikazzjoni tal-post; imma nafu li hi dik taż-Żebbuġ.)"

Il-knisja ta' Sant'Anton Abbati li ġiet magħżula bħala l-ewwel Knisja Parrokkjali tax-Xagħra, ma bdietx il-ħidma parrokkjali tagħha fit-28 ta' April, 1688, meta l-Isqof Cocco Palmeri ħareġ id-digriet tiegħu tat-twaqqif ta' l-4 parroċċi msemmija, imma meta dan id-digriet ġie kkonfermat minn Ruma fil-5 ta' Marzu, 1689. U biex inkunu aktar eżatti, din il-Knisja bdiet tiffunzjona ta' parroċċa fl-10 ta' Ġunju, 1689, meta l-ewwel Kappillan, Dun Bernard Formosa, ħa l-pussess tiegħu, eżattament erbat ijiem wara li din il-konferma waslet minn Ruma. Ftit wara li din il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati ġiet magħżula bħala l-Knisja Parrokkjali, il-poplu tax-Xagħra minnufih beda jaħseb biex jibni knisja oħra ikbar fejn hemm il-knisja parrokkjali llum. Din il-Knisja tlestiet fis-sena 1692 u fil-25 ta' Mejju ta' l-istess sena ġiet maħtura bħala l-parroċċa waħdanija ta' dan ir-raħal. Dan it-tempju ġdid, mibni mill-Isqallin, kien ġie ddedikat lill-Madonna tal-Grazzji. Imma dan it-titlu ma damx ma ġie mibdul. Kien id-9 ta' Ottubru, 1692, meta t-titlu tal-Madonna tal-Grazzji tbiddel f'dak tat-Twelid tal-Madonna bħalma għadu sal-ġurnata tal-lum.

Il-Knisja ta' Sant'Anton Abbati damet isservi ta' parroċċa sal-25 ta' Mejju, 1692.

Mal-ġirja ħafifa tas-snin, il-poplu tax-Xagħra beda jikber ġmielu u allura ħass il-bżonn li jkollu knisja akbar. Tant hu hekk, illi fis-sena 1813, il-Kappillan Dun Vinċenz Cauchi ħeġġeġ lill-parruċċani tiegħu biex jibnu knisja ġdida. Malajr inbeda x-xogħol ta' din l opra ġdida mill-imgħallem Franġisk Portelli mir-Rabat fuq pjanta tal-Kanonku Dun Salv Bondì.

Iżda x-xorti mxiet ħażin mal-bini ta' din il-knisja. F'dan iż-żmien ħakmet il-pesta f'Għawdex. Ix-xogħol kellu bilfors jieqaf. Ħafna nies mietu fosthom l-istess Kappillan u l-poplu kollu tal-għira waqa' f'faqar l-iktar kbir. Għalhekk, il-poplu tax-Xagħra ma setax jagħti aktar flus għall-bini ta' din il-knisja.

Iżda b'xorti tajba fis-sena 1833 laħaq

Kappillan ta' din il-knisja Dun Mikiel Franġisk Buttigieg — dak li iktar tard kellu jkun l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Dan mill-ġdid ħeġġeġ lill-poplu tax-Xagħra biex ikun ġeneruż ħalli titkompla l-knisja mibdija. U biex jagħmel kuraġġ lill-poplu kien hu stess li ta somma ta' flus għall-bini tal-knisja.

Flimkien mal-Kappillan Buttigieg ħadmu wkoll bla heda u stinkaw bis-sħiħ għat-tkomplija ta' din il-knisja Dun Franġisk Mercieca u Dun Ġużepp Xerri li ġew inkarigati għal dan ix-xogħol mill-Isqof Sant kif tixhed l-ewwel Viżta Pastorali tiegħu tas-sena 1848.

Dan il-maqdes ġdid tlesta fl-1855 u ġie mbierek b'festa l-iktar sabiħa mill-Vigarju Ġenerali Dun Vinċens Chapelle fil-14 ta' Frar ta' l-istess sena. Folol kbar ta' nies ħadu sehem fiċ-ċerimonja tat-tberik tal-knisja.

Illum il-knisja tax-Xagħra hi mgħammra b'pittura mill-isbaħ. Biżżejjed ngħidu li f'dan it-tempju nsibu xogħlijiet ta' Virginio Monti, Ġużè Calì, Franġisk Zahra u Karlu Gimach.

Iżda bla dubju ta' xejn l-arzella ta' fuq il-kor għall-ġmiel u s-sbuħija tagħha tiswa l-knisja kollha. Bosta huma dawk id-dilettanti li ta' spiss iżuru din il-knisja biex joqogħdu jitpaxxew bil-ħlewwa ta' din l-arzella.

Dawn l-aħħar 20 sena mbagħad f'dan it-tempju saru bosta xogħlijiet ta' rħam mill-ifjen. Biżżejjed insemmu l-paviment, il-kanċell, żewġ ventartali, il-famuż pulptu u l-kisi tal-knisja kollha. L-opri kbar li mal-mixja tas-snin qegħdin isiru f'dan it-tempju juru biċ-ċar kemm il-poplu tax-Xagħra jgħożż dan it-tempju bħala l-egħżeż ħaġa ta' qalbu.

Dan is-santwarju ġie mgħolli għad dinjità ta' Kolleġġjata fis-sena 1900 b'rakkomandazzjoni ta' l-Isqof Camilleri. Fl-1950 f'din il-knisja saru festi speċjali biex ifakkru ċ-ċinkwantinarju ta' dan il-privileġġ. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata fis-26 ta' Mejju 1878 mill-Isqof ta' Għawdex, Pietru Pace. Saret arċipretali fis-sena 1893 u ġiet imżejna bit-titlu ta' Bażilika fis-sena 1967.



**L-Istatwa ta' Marija Bambina fil-Kolleġġjata Bażilika tax-Xagħra li ġiet inkurunata fit-2 ta' Settembru, 1973 mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. N. Cauchi**

Ġrajja importanti oħra għal din il-Knisja Bażilika hija dik ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-istatwa ta' Marija Bambina fit-2 ta' Settembru, 1973, mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. N. Cauchi, meta l-parroċċa kienet bla Ragħaj, billi f'Lulju 1973 kien miet l-Arċipriet Mons. M'Anġ Cauchi. Fil-fatt l-Arċipriet tal-lum, Mons. Ewkaristiku Sultana ħa l-pussess ta' din il-parroċċa fl-14 t'Ottubru, 1973.

F'dawn l-aħħar snin, il-parroċċa tax-Xagħra għamlet progress kbir fil-qasam pastorali u fil-preżent din il-parroċċa qegħda tkun in-nieqa ta' bosta vokazzjonijiet saċerdotali.

Tassew li s-Santwarju Marjan tax-Xagħra huwa wieħed mill-isbaħ ġawhriet li qegħdin iżejnu 'l-gżira tat-tliet għoljiet.

# IL-MADONNA TA' PINU FI PRATO L-ITALJA



**Don Orfeo Pastorelli, kappillan tal-Parroċċa ta' San Silvestru, ibierek l-inkwadru tal-Madonna ta' Pinu**

Bħalma kulħadd jaf, id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu qiegħda tixtered f'ħafna pajjiżi. L-ewwel pajjiż kien Tunes, wara l-Awstralja permezz ta' ħutna l-emigranti Għawdxin, l-Indja, il-Ġermanja u issa wkoll fl-Italja.

Dan l-aħħar, saċerdot Għawdxi li ta' kull sena jitla' Prato sabiex jagħmel xogħol pastorali, rnexxielu jdaħħal id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu fil-parroċċa ta' San Silvestru, Tobbiana ġewwa Prato.

Kien nhar il-Ħadd, l-1 ta' Jannar, 1989, festa tal-Madonna Omm Alla, meta l-kappillan don Orfeo Pastorelli bierek quddiem folla kbira ta' nies l-inkwadru tal-Madonna ta' Pinu. L-inkwadru tal-Madonna ġie ppreżentat lill-Parroċċa ta' Tobbiana minn saċerdot Għawdxi.



**Wara l-quddiesa sar il-bews tax-xbieha tal-Madonna. In-nies kollha preżenti resqu jbusu x-xbieha tal-Madonna**

It-tberik ta' l-inkwadru sar wara l-quddiesa tad-9.00 a.m. fejn wara, il-kappillan u s-saċerdot Għawdxi kellmu lin-nies fuq il-ġrajja tal-Madonna Ta' Pinu. Il-kappillan tkellem ukoll fuq il-ġrajja ta' Pinu wara l-quddiesa tal-11.00 a.m. u tal-5.00 ta' fil-għaxija.

L-inkwadru għażiż tal-Madonna ta' Pinu tpoġġa fuq l-artal il-jum kollu espost għall-qima tal-fidili. Wara l-quddiesa tal-5.00 p.m. saret purċissjoni bl-inkwadru u wara tpoġġa fil-knisja. Ħafna nies poġġew fjuri u xema' quddiem lx-xbieħa tal-Madonna u tqassmu 500 santa tal-Madonna ta' Pinu bit-talba bit-Taljan.

Nittama li qassisin oħra Għawdxin idaħħlu din id-devozzjoni fil-pajjiż fejn qed jaħdmu. B'hekk id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu tinxtered mad-dinja.

**FR. A. SCHEMBRI.**

——— o ———



**Il-kappillan Don Orfeo Pastorelli juri l-inkwadru tal-Madonna lin-nies preżenti.**



**Parti mill-folla preżenti flimkien mal-kappillan imdawrin madwar l-inkwadru tal-Madonna jieħdu ritratt bħala tifkira tal-miġja ta' l-inkwadru tal-Madonna fil-parroċċa tagħhom**

**How an extraordinary oversight was remedied in a more extraordinary way. The story of the incredible constructional success of**

# the famous stairway

A few years had passed since I first heard of the remarkable church in Santa Fe, New Mexico, our Lady of Light Chapel. A great deal has been written and said about this church, or to be more precise the stairway within the building. Recently I was presented with a picture of the remarkable construction so I thought perhaps the story would be worth telling yet again. Just over 150 years ago the Sisters of Loretto left Kentucky and travelled down the Mississippi River until they landed at St Louis. This was not their destination; they were heading southwest to Santa Fe.



In the fall of 1852, they established a convent there and some twenty years or so later In 1873 they added a Gothic chapel. At the suggestion of Bishop Lamy, the church was built to a similar design as the Sainte-Chapelle in Paris.

It took five years to complete the work on the new church but no sooner had the builders declared it finished — than it was discovered, to everyone's horror, that it was anything but: there was no way to get from the body of the church to the choir loft

One can imagine the state the good sisters were in, but they were resolute women and refused to panic. They discussed and decided that indeed this was a time for prayer.

So they resolved to turn to St Joseph and through a novena to him asked him to aind them in their dilemma.

Now it is at this point that the real story begins through the arrival of a grey-haired man riding a donkey. He was carrying with him a chest similar to that used by carpenters to carry their tools.

On dismounting from the donkey the stranger asked to speak to the Sister Superior. Mother Magdeline was in charge

*ikompli f'pagna 196*



# Tfal Tħobbuha lill-Madonna?

(**ANTON FARRUGIA** *jkellem lit tfal devoti tal-Madonna*)

Għeżież Tfal,

Qed niktbilkom dawn il-kelmtejn fil-bidu tas-sena 1989. Fil-bidu tas-sena jeħtieġ nagħmlu dawk li bl-Ingliż isejħulhom "New Year's Resolutions", jiġifieri proponimenti, li matul is-sena li tkun ġejja:

* nagħmlu xi ħaġa tajba li s'issa ma konniex nagħmluha;

* naqtgħu xi difett jew xi ħaġa ħażina li qabel konna nagħmlu u issa, minn din is-sena, ma nagħmluhx iżjed;

* inżidu nagħmlu b'aktar ħeġġa xi ħaġa tajba, li għalkemm konna nagħmluha matul is-snin li għaddew, konna nagħmluha bi traskuraġni u bi ftit qalb.

Għeżież tfal, duru dawra madwarkom. Araw hemmx xi ħaġa tajba li forsi għadkom ma bdejtux tagħmluha, per eżempju: ftit qari tal-Bibbja kull nhar ta' Ħadd, xi siegħa adorazzjoni lil Ġesù Sagramentat darba fix-xahar, eċċ. Araw hemmx xi ħaġa tajba li, għalkemm qegħdin tagħmluha, imma jeħtieġ li tagħmluha b'aktar eżattezza, b'aktar serjetà u attenzjoni. Bħal ngħidu aħna: aktar serjetà u attenzjoni waqt il-quddiesa tal-Ħadd; aktar serjetà u attenzjoni waqt ir-Rużarju ta' kuljum; ma nfallux għalxejn b'xejn l-Għaqda Kattolika li nattendu fiha, eċċ. Naraw ukoll trabbietx fina xi drawwa ħażina: kliem żejjed u bla bżonn, l-istudju ma nieħdux bis-serjetà u niddejqu, nirrispondu bil-goff lill-ġenituri jew lit-teachers tagħna, forsi bdejna nlissnu xi kelma ħażina jew pastaża... Dawn l-affarijiet hemm bżonn li jinqatgħu. Huwa żmien tajjeb f'dawn l-ewwel ġimgħat tas-sena 1989 li nagħmlu riżoluzzjonijiet sodi u nonġru daqsxejn lilna nfusna, li nirfinaw lilna nfusna kemmxejn iżjed. U mhux biss f'dawk il-ħwejjeġ li jmissu lir-ruħ imma anke f'dawk il-ħwejjeġ li jmissu l-ġisem, fil-manjieri tagħna, fl-istudju tagħna, fil-'general knowledge' tagħna, fl-ilbies tagħna.....

Ħalli, meta fl-aħħar ta' din is-sena 1989, niġu biex nagħmlu l-kontijiet magħna nfusna, jekk il-Bambin irid, insibu li morna 'l quddiem, sirna aktar bravi u avanzajna kemm fir-ruħ u kemm fil-ġisem.

Tkun tabilħaqq ħasra jekk xi difetti żgħar (jew forsi kbar!) li bdejna bihom din is-sena, ikunu għadhom magħna fl-aħħar tas-sena. Ikun jistħoqqilna ċanfira jekk ix-xiħaġa tajba li qegħdin nagħmlu ma nitħabtux biex nagħmluha aħjar u nirfinaw lilna nfusna minn kull aspett.

Jien, min-naħa tiegħi, għamilt riżoluzzjoni li nixtieq inżommha u ser nipprova nżommha kemm nista': Ma nixtieqx tgħaddi ġurnata waħda minn fuqi li fiha ma nkunx għidt xi kelma għall-ġid lil xi ħadd. Dan il-proponiment tistgħu tagħmluh intom ukoll. Ferħ biss iħalli warajh jekk twettquh.

Ġesù u Marija jberkuna.

# IĊ-ĊENAKLU

*Kitba ta'* **FRANK DUFF**

*Maqlub għall-Malti minn* **JOSEPHINE FORMOSA**

Hu skond l-ordni tal-bżonn li għandu jkollna f'moħħna stampa kemm jista' jkun sħiħa taż-żewġ Persuni Qaddisa ma' min nittamaw li nqattgħu l-eternità u li issa qed imexxuna fit-triq diffiċli tagħna. Dwar li jkollna stampa sħiħa qed nitkellem b'sens relattiv. Għaliex tkun ħaġa impossibbli li tkun taf biżżejjed fuq Ġesù u Marija. Iżda għandna nirsistu li jkollna dan l-għarfien. Hawn irrid infisser li jkollna xi ħaġa aktar mill-veritajiet dottrinali li tgħallimna l-Knisja. Jien inżid ma' dawn il-meditazzjonijiet u l-ispekulazzjonijiet li tawna kittieba reliġjużi. Ma jkunx korrett li tqis dal-materjal bħala biss xogħol ta' nies twajba li bassru dwaru. Dejjem kellu xi pedament li tista' torbot fuqu u li jista' jgħin ħafna f'li jdawwar duttrina f'persuna. Sakemm Ġesù u Marija ma jkunux persuni ċari għalina jkun diffiċli li tħobbhom kif jixraq. Huma kienu individwi tabilħaqq tad-demm u l-laħam li għexu l-ħajja komuni f'post magħruf u f'ċertu żmien. Għandu jkollna idea xi kwalità ta' ħajja kienet, u tal-ħwejjeġ li kienu jiltaqgħu magħhom, u ta' dawk li kienu jinteressaw ruħhom fihom. Għarfien iddettaljat igħin id-devozzjoni.

F'dan il-proċess nistgħu nisiltu ħafna li ma nkunux nafuh b'mod awtorevoli. Il-Lhud kienu poplu konservattiv. Lġijiet u drawwiet iffurmaw l-imġieba tagħhom fl-iċken dettal. Ġesù u Marija nsibuhom jaqblu b'mod l-iktar fidil f'dan il-mod ta' ħajja. Jekk niġbru flimkien dawn il-ħafna biċċiet ta' informazzjoni noħolqu stampa tagħhom ħajja u raġunevolment ġusta. Meta l-ħsieb jagħmlilna dan familjari għalina, Ġesù u Marija jieħdu dimensjoni oħra fil-menti tagħna. Isiru distinti u qrib tagħna daqs il-familjari tagħna li ħallewna u li konna nafu b'mod hekk intimu.

Dan jisforza li jpinġilna l-mod ta' ħajja li Ġesù u Marija għexu f'art twelidhom u fi żmienhom. Għal-Lhud, pajjiżhom kien imxeblek totalment fir-reliġjon tagħhom. Dan verament kien il-każ liema bħalu ta' Ġesù u Marija. Dawn il-ħwejjeġ ma kinux sempliċement bħal palk jew issettjar għalihom, li fiha nfisha tkun ħaġa importanti, iżda fil-fatt juru lilhom u jmexxuna lejhom. It-Testment il-Qadim mimli suġġetti li huma tipi, xbiehat u profeziji tagħhom. U nibqgħu ċerti illi dit-turija divina tidħol fil-profondità ta' dettal li qatt ma naslu nfandu għaliha kompletament fuq din in-naħa ta' l-eternità, ukoll meta qed nakkwistaw sikwit dwal ġodda.

Għalhekk għandna naqraw u naħsbu fuq l-Art Imqaddsa nfisha. Ġesù żgur li mexa fuqha kollha. Mingħajr ebda dubju Hu ħabb b'saħħtu kollha dan it-territorju li Missieru ta lill-Poplu Magħżul b'pajjiżu. Għalhekk bl-immaġinazzjoni tagħna għandna nsegwu l-passi Tiegħu u nipprovaw inħarsu lejn il-postijiet u oħrajn ta' importanza aktar (landmarks) bis-sentimenti Tiegħu, kif San Pawl jirsistilna li nagħmlu f'kollox.

Dawn ir-rimarki, bil-ħsieb li jservu ta' introduzzjoni, probabilment iġegħlukom tistennew xi katalgu ta' l-ivvjaġġar għall-Art Imqaddsa. Iżda l-iskop tiegħi hu li tikkonċentraw l-attenzjoni tagħkom fuq parti żgħira ħafna minn din l-art; possibilment mhux aktar minn 3.6 tomniet fid-daqs; mhix xi belt iżda dar. M'għadhiex teżisti. L-istorja tagħha kienet qasira. Madankollu tibqa' tiddi bil-ġmiel tagħha fis-snin Insara. Hi magħrufa għalina bħala ċ-Ċenaklu jew il-kamra ta' fuq f'Ġerusalemm, fejn saret l-AĦĦAR Ikla.



*"U wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf ta' l-Għid. Ġesù bagħat lil Pietru u 'l Ġwanni u qalilhom: 'Morru hejjulna l-ikla ta' l-Għid ħalli nieklu l-ħaruf'."*
*(Luqa 22, 7-8).*

L-Għid, imwaqqaf meta l-Lhud kienu se jitilqu mill-Eġittu, kien xbieha tas-sagrifiċċju tal-Ħaruf t'Alla. Is-Sinjur tagħna kien wasal biex jiċċelebra l-aħħar Għid Tiegħu li kien se jinbidel minn xbieha għal sustanza. Bħala bidu, Hu kien ta ordni importanti liż-żewġ Appostli favoriti Tiegħu. Jidher ċar li bbaża dan fuq ħarsa fil-ġejjieni u l-inkorporazzjoni fil-Pjan Tiegħu ta' dak li ra.

Il-Vanġelu ta' San Luqa (XXII, 8-14) jitkellem hekk: "Ġesù bagħat lil Pietru u lil Ġwanni u qalilhom, 'Morru u lestulna l-ikla ta' l-Għid'. Iżda huma qalu: 'Fejn tridna li nlestu?' U Hu qalilhom: 'Araw, kif tidħlu fil-belt, tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh u idħlu fid-dar fejn jidħol. U intom tgħidu lil dak ir-raġel twajjeb tad-dar: 'L-Imgħallem qallek: Fejn hi s-sala fejn nista' niekol l-ikla ta' l-Għid mad-dixxipli Tiegħi?'. U Hu jurikom kamra kbira ta' l-ikel mgħammra. U hemmhekk lestu." U dawk huma u sejrin sabu kif intqalilhom. U meta waslet is-siegħa, qagħad bil-qiegħda u t-tnax l-appostlu miegħu."

Dak fetaħ il-ġrajja stupenda li nsejħulha "L-Aħħar Ikla". Twaqqfet l-Ewkaristija. L-aħħar att tar-Redenzjoni beda.

Il-kelma "Ċenaklu" ġejja mil-Latin "cenare", li tfisser tagħmel l-ikla ta' fil-għaxija. Iċ-ċenaklu kien kamra waħda minn dar. Dik id-dar partikulari kienet fuq l-Għolja ta' Sijon, isem li daħal f'titlu familjari għalina: Madonna ta' Sijon.

Naraw mill-Atti ta' l-Appostli (1, 13) illi l-Appostli baqgħu jgħixu f'dik id-dar wara l-lejl ta' Ħamis ix-Xirka, għaddew mid-deżolazzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u tas-Sibt u baqgħu sal-Ħamis ta' Lapsi — Jum it-Tlugħ is-Sema. Kien hemmhekk illi rritornaw immedjatament wara li raw lil

Gesù tiela' s-sema nhar il-Ħamis ta' Lapsi. L-Atti jiddeskrivu liċ-Ċenaklu bħala l-għamara ta' l-Appostli u jgħidu dwaru, li għalih kellhom bogħod tul mixja ta' Sibt mill-Għolja taż-Żebbuġ. Dan qisu jammonta daqs tliet kwarti ta' mil sas-sur tal-belt u flimkien mad-distanza li jibqa' saċ-ċentru tal-belt fejn kienet wieqfa d-dar.

Min reġa' lura? Dawk kollha li raw lis-Sinjur tagħna jitlaq: l-Appostli, id-dixxipli rġiel u nisa, u Marija — in-numru kien ilaħħaq 120. Din il-komunità li emmnet b'mod ferventi kienu jiffurmaw il-Knisja ta' dak in-nhar. Kien numru żgħir li jbikki meta tikkunsidra l-eluf li kienu semgħu msaħħrin id-diskorsi ta' Ġesù, u li kienu raw l-egħġubijiet li kien għamel u forsi wkoll li kienu bbenefikaw minnhom.

Għandna nippruvaw inġibu dix-xena ħajja fil-menti tagħna. Dawk in-nies ma kinux sempliċement folla. Kienu l-ewwel insara, missirijietna spiritwali. Ġew lura bħala korp? Wisq probabbli li le. Ġest ta' sfida bħal dan kien ikun aktar jixraq fi żmien il-Pentekoste. Iżda lanqas ma kienu mikduda u mriegħda b'biża' hekk kif kienu meta r-Ragħaj ġie mħarbat. Raw biżżejjed li stimulahom fuq pjan uman. Allura għandna nilmħuhom mexjin b'għan f'moħħhom fi gruppi żgħar u bla dubju fi stat ta' ferħ liema bħalu. Kienu sejrin lura biex jistennew il-Paraklitu. Il-miġja Tiegħu kellha tkun ġrajja ta' l-għaġeb bħal dik tar-Reżurrezzjoni u dik ta' l-Axxensjoni; iżda bid-dieher f'sura oħra. L-Ispirtu s-Santu kellu jinżel u kollox ikun differenti. Mill-mod kif tkellem Ġesù fuq dil-ġrajja, kellha tkun manifestazzjoni, waħda li tinawgura era ġdida. Ma kellhomx dubji dwar iċ-ċertezza ta' dan. Kull ħaġa li l-Mulej wiegħed ġrat kif qal. Din isseħħ ukoll. Marru lura biex iwettqu l-istruzzjonijiet Tiegħu illi kellhom jippreparaw għaliha.

L-ewwel biċċa xogħol fiċ-Ċenaklu kienet l-elezzjoni ta' dak li kellu jieħu post ta' dak il-miskin li ħareġ minn triq is-sewwa, Ġuda. Kienu għamlu hekk: għażlu żewġ dixxipli u refgħu x-xorti. L-għażla waqgħet fuq Mattija li mbagħad sar wieħed mit-tnax.

Is-Sinjur tagħna kien qal li kellhom jibqgħu fil-belt sakemm il-Qawwa mill-għoli tinżel fuqhom (S. Luqa XXIV, 49). Dan iġagħalna nikkonkludu li baqgħu fid-dar.

Intqal lilna li pperseveraw fit-talb b'moħħ wieħed. Dan jissuġġerielna li kienu f'irtir strett. In-numru ta' l-Imsemmlja jidher li kien kbir ħafna biex jippermetti li setgħu jorqdu fid-dar stess. Allura nistgħu naħsbu illi ħafna minnhom kienu jmorru lejn djarhom għal-lejl. Fil fatt ma kienx jinħass dal-bżonn meta tqis kemm kienu sempliċi l-bżonnijiet ta' l-irqad għal-Lhud. Post taħt saqaf fejn timtedd u kutra — dak li l-iżjed kien meħtieġ. Għalhekk jekk l-irtir kien it-tip ta' dak li ngħidulu "bil-magħluq" ma kienx hemm diffikultà dwar il-post għan-numru kollu. Il-Papa Piju Ħdax iddeskrivih bħala rtir memorabbli, irtir li ġie l-ewwel u li kellu jkun mudell ta' l-irtiri kollha, miżmum fil-preżenza ta' l-Omm t'Alla, li pperfezzjona l-Knisja għax-xogħol ta' appostolat tagħha.

Irranġaw l-artali. San Pietru qaddes l-ewwel quddiesa kif jassigurana San Prokolu, il-Patrijarka ta' Kostantinopli, u Ħeżekija, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm. Għalhekk l-istess post minn fejn ħarġet l-Ewkaristija, il-Quddiesa antiċipata, kien l-istess post fejn saret l-ewwel Quddiesa ordinarja kif nafuha aħna. Dad-dettal li jgħaxxqek jurina kemm Alla jħobb l-ordni. Dawn iż-żewġ ġrajjiet, magħquda flimkien fil-ħsieb Tiegħu, kellhom jiġru fl-istess post.

Lanqas dil-ġrajja vitali ma temmet l-istorja taċ-Ċenaklu. Kellhom jiġru ħwejjeġ oħra. Rigward l-importanza tagħhom, did-dar kienet tħabbatha ma' l-oħra ta' Nazaret. Ir-rwol tagħhom kellhom minn ta' xulxin. Ġesù sar bniedem f'dik ta' Nazaret u l-Ġisem Mistiku Tiegħu, jaf il-benniena Tiegħu fiċ-Ċenaklu. Dar ċkejkna kienet biżżejjed għal Ġesù u l-familja tiegħu. Dar kbira kienet meħtieġa għall-familja akbar Tiegħu.

Ejjew niflu did-dar kbira. Għandhom jinteressawna d-dettalji tagħha; dak li ġara hemmhekk ħalla marka fuq il-ħajja ta' kull bniedem. Jingħad li kienet imbajda abjad. Bid-dieher il-bini kien sabiħ, għaliex il-kamra ta' l-ikel kienet 50 pied twila bi 30 pied wiesgħa — spazjuża biżżejjed biex



**Ninu Gregori: L-Aħħar Ċena**

tesa' mhux inqas minn 120 ruħ. Dana jindika biżżejjed il-qagħda soċjali tas-sid tagħha. Kienet kamra nobbli, mgħammra tajjeb u probabbli b'għamara li tqum il-flus, kif se nfittex li nuri. Il-bibien tagħha kienu jagħtu għal fuq terrazzin u li kont tista' titla' għaliha b'taraġ minn barra mingħajr ma jkollok bżonn tgħaddi minn ġod-dar.

Dik il-kwalità ta' kamra, iżda mhux ta' dak il-qies, kienet fattur mistenni f'kull dar komda. Kienet tintuża għal dawn l-iskopijiet: biex jilqgħu fiha u jittrattaw il-mistednin, biex jiċċelebraw festi fiha, biex jagħmlu l-ikliet fiha, u biex jesponu l-mejtin fiha.

Tradizzjoni tgħodd lil Ġużeppi t'Arimatea bħala s-sid tagħha. Kien raġel sinjur ħafna, u għalhekk jien issuġġerejt li l-għamara tal-post kienet tqum il-flus. Il-Vanġelu donnu jrid jagħtina x'naħsbu l-istess. Dejjem restritt fid-deskrizzjoni tagħha, aħjar ngħidu illi ċ-ċenaklu kien "mgħammar".

Ħalluni nżid illi joqgħod tajjeb li Ġużeppi, li kien dixxiplu, u li ta l-qabar tiegħu stess biex fih jilqa' l-Ġisem tas-Sinjur tagħna, tistenna li hekk ukoll jagħti d-dar tiegħu għall-Aħħar Ikla, għall-ewwel Quddisiet, għall-Inżul ta' l-Ispirtu s-Santu u wara dak biex tkun iċ-ċentru tal-ħajja Nisranija u s-sede maġisterjali. Kemm kont ixxurtjat Ġużeppi t'Arimatea!

Forsi nista' nsemmi leġġenda ħelwa: jingħad li Ġużeppi t'Arimatea kien dak iż-żagħżugħ għani li jitkellem fuqu l-Vanġelu (S. Mattew XIX, 21, 22) li sejjaħlu Ġesù, bid-dieher biex iħaddan l-appostolat fil-milja tiegħu, iżda li ma kellux il-kuraġġ li jwarrab kollox għall-ġenb għax "kellu ħafna ġid". Fil-ħsieb tagħna ndawru 'l dak ir-raġel f'atmosfera traġika. Għalhekk għandu jikkonsolana l-ħsieb li wara ngħatalu favur bħal dak.

Id-dar kienet waħda li tagħti fl-għajn, kważi post li timmarka bih (landmark) kif aktar tard jagħtina x'nifhmu. Meta kien li s-Sinjur tagħna tefa' għajnejh fuqha? Tkun ħaġa interessanti li wieħed jista' jobsor.

Jista' jkun, illi matul dawk it-tlitt ijiem misterjużi li dam "mitluf" f'Ġerusalemm mar hemmhekk biex jara d-dar li kienet iddestinata li tkun fil-qalba tal-pjanijiet ġejjlena tiegħu?

Dan kien l-ambjent fejn id-dixxipli qagħdu jistennew li titwettaq il-wegħda l-kbira. U ż-żmien? Hekk kif l-Għid (tal-Lhud) kien iż-żmien li fih is-Sinjur tagħna kellu jbati, għaliex Hu kien verament il-Ħaruf ta' l-Għid, hekk il-Pentekoste kienet festa sinjifikanti għal-Lhud. Kienet tfakkar id-drama terribbli fuq il-Muntanja tas-Sinaj fejn, mijiet tas-snin qabel, il-Liġi l-Qadima ngħatat lill-poplu ta' Iżrael permezz ta' Mosè. Dak inhar dan ġara f'maltempata, ta' beraq u ragħad, il-muntanja kienet tħaġġeġ qisha forn b'duħħan tiela' lejn is-smewwiet.

L-istess karatteristika tidher fl-inawgurazzjoni formali tal-Liġi l-Ġdida, iżda b'kalma akbar u ħlewwa aktar. Id-dixxipli kollha kienu hemm f'dak il-post. U f'daqqa waħda ġie ħoss mis-sema qisu riħ qawwi jonfoħ u li mela d-dar kollha fejn kienu qagħdu bil-qiegħda miġbura u dehrulhom ilsna qishom tan-nar li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U lkoll imtlew bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna diversi skond kif ordnalhom l-Ispirtu s-Santu (Atti 11, 1-4).

L-espressjoni "ilsna mifrudin" tidher tindika illi huma raw għajn tan-nar li nqasmet f'ilsna separati. Dan seta' ġara fil-għoli, iżda hemm tradizzjoni kostanti illi tgħid li l-Ispirtu s-Santu ġie qisu globu tan-nar fuq il-Madonna li kienet fin-nofs tal-miġemgħa u mbagħad inferaq f'ilsna u qagħdu fuq l-oħrajn. Dan jagħmel sens meta tikkonsidra r-rwol eminenti ta' Marija bħala l-Għarusa ta' l-Ispirtu s-Santu, Omm u Medjatriċi. Tafu biżżejjed it-trasformazzjoni drastika li ġieb miegħu fuq id-dixxipli. Din ma tifformax parti mill-istorja tiegħi.

Ir-riżultat immedjat tal-Qawwa l-Ġdida kien il-qofol ta' dawk li tgħammdu. Wara żewġ priedki 8,000 saru Nsara. Diż-żieda rrendiet liċ-Ċenaklu inadekwat. Għalhekk kienu jinġabru fi djar f'partijiet differenti ta' Ġerusalemm. Hemmhekk, skond l-Atti (11, 42) ipperseveraw fid-duttrina ta' l-Appostli, u fil-komunikazzjoni tal-qsim tal-




ħobż (jiġifieri l-Quddiesa u t-Tqarbin Imqaddes) u fit-talb. Iżda ċ-Ċenaklu żamm il-post primarju tiegħu. Kien l-ewwel Sede ta' Pietru. Kien il-Vatikan primittiv. Minn hemmhekk Pietru dderieġa l-amministrazzjoni tal-Knisja. Hu eżerċita l-awtorità ta' Ġesù Kristu. Sab soluzzjoni għad-dubji. Ipproklama b'mod infallibbli.

Skond id-drawwa tal-Lhud f'dak li għandu x'jaqsam ma' laqgħat bi skopijiet deliberattivi, nistgħu ngħidu kif kienet issettjata l-miġemgħa ta' 120 ruħ. San Pietru kien il-persuna li ppresidiet u mhux il-Madonna. L-Uffiċċju tagħha ma kienx u ma hux dak ta' kap amministrattiv. Hija Omm. Ma tippriedkax u lanqas tikkmanda. Iżda żgur li kellha post ta' unur fl-assemblea li kienet irranġata forma ta' ċirku — ilkoll iħarsu lejn in-nofs. Id-dixxipli jokkupaw nofs iċ-ċirku. Il-Madonna fin-nofs, bid-dixxipli rġiel fuq naħa u dawk nisa fuq in-naħa l-oħra. L-Appostli jiffurmaw in-nofs l-ieħor taċ-ċirku b'San Pietru f'nofshom preċiż faċċata tal-Madonna.

L-istoriċi jgħidu illi d-dar ta' San Ġwann kienet maġenb iċ-Ċenaklu iżda mifruda

minnu. Forsi kienet dar separata iżda li tagħmel mad-dar taċ-Ċenaklu nfisha li ta Ġużeppi t'Arimatea għad-dispożizzjoni ta' S. Ġwann u l-Omm t'Alla. Ħaġa kurjuża li ħajjitha, terġa' tirrepeti ruħha. Meta kienet għadha tifla kienet toqgħod f'post li kien jagħmel mat-Tempju fejn kienet taqdi. Issa wkoll kienet toqgħod qrib iċ-ċentru ta' qima reliġjuża, tgħin lill-Knisja. Dak iż-żmien kellha madwar 48 sena.

Marija baqgħet fid-dinja wara t-Tlugħ is-Sema ta' Binha għax kellha ssostni u trabbi il-Ġisem Mistiku ta' Binha kif kienet għamlet għall-ġisem fiżiku Tiegħu. Dan ma setgħetx għamlitu mill-Ġenna kif qed tagħmel illum? Le, għax kellu jkun hemm ix-xogħol li omm umana tista' tagħmel. Kellha tkun il-punt ċentrali ta' l-affett, ix-xhieda ħajja waħdanija tal-ġrajjiet bikrija u vitali, l-għajn prinċipali ta' informazzjoni lill-Evanġelisti, il-kolonna ta' fidi u ta' għerf.

U wkoll huwa prinċipju divin illi wieħed jibda fl-art dak li jkun se jkompli fis-Sema. Biex tkun l-omm tagħna perfetta fis-sema kellha tibda twettaq dik il-funzjoni fuq il-bnedmin hawn fl-art; biex hekk dan l-għerq joħroġ jiffjorixxi fis-smewwiet.

Mhix ħaġa korretta li timmaġina lil Marija żżomm ruħha maqtugħa min-nies f'dak l-istadju; tibki l-ġrajjiet l-imgħoddija u b'qalbha sewda tixxennaq għall-Ġenna jew fi stat ta' kontemplazzjoni kważi f'estasi. Le, ma tkunx hekk l-immaġini ta' omm ma' wliedha, tal-Mara Qalbiena tal-Bibbja. Aktar għandna nippreżentawha kif rajniha f'Kana, jiġifieri titħallat qalb l-Insara, mara b'ħidma x'tagħmel, kollha kemm hi fuq dmirha, għajnejha josservaw kollox, mhux li tagħmel ix-xogħol li suppost jagħmel ħaddieħor, iżda bil-prudenza kollha tissupplimenta, timla l-vojt, tagħmel il-qalb u ssaħħaħ.

Għalkemm kienet iġġib ruħha bħala waħda mill-merħla ta' San Pietru, kienet l-id il-leminija ta' l-awtorità tiegħu, nistgħu nibqgħu żguri illi fil-privat hu kien binha, jistenna l-għajnuna minn għandha, għandu bżonn biss dak li setgħet tagħtih.

F'dak iż żmien kien hemm 480 sinagogi fil-belt. Mitluf f'nofshom iċ-Ċenaklu skappa l-osservazzjoni u ħsara minn idejn il-Lhud. Iktar tard fis-sena 70 W.K. meta r-Rumani assedjaw u qerdu lil Ġerusalemm, l-attakk prinċipali li għamlu kien fuq in-naħa tat-Tramuntana. Iċ-ċentru tal-belt fejn kien wieqaf iċ-Ċenaklu, ma nħakimx daqshekk. Wara dan, l-Insara li ma kellhom xejn iżjed xi jbeżżagħhom mil-Lhud, ittrasformaw il-bini fi knisja. Iktar tard meta Adrijanu witta l-belt kompletament, iċ-Ċenaklu kien l-uniku post li baqa' wieqaf, skond ix-xhieda ta' San Epifanju.

Probabbli ħafna li hemm simboliżmu f'dan. Hekk kif il-Madonna ta' Sijon baqgħet wieqfa qalb il-ħerba tal-Kalvarju, hekk id-dar majestuża ta' Sijon baqgħet wieqfa meta kollox ġie meqrud. U minn kull borġ ġebel imfarrak, kellha toħroġ ġrajja ġdida li ferm tisboq lil dik ta' qabilha.

## IL-PURIFIKAZZJONI U L-PREŻENTAZZJONI TAL-MADONNA

L-aspett tas-sagrifiċċju fil-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju, m'għandux tmiem, iżda jibqa' jħaddem is-salvazzjoni lill-ġnus.

*(M.G. Gaddoni).*

Sa mill-bidu ta' l-eżistenza tagħha, Marija kienet "il-Qaddejja tal-Mulej", maħbub u servut minnha bil-forzi tagħha kollha.

*(P. Galot).*

Marija marret fit-Tempju u saret it-Tempju t'Alla.

*(George Maloney, S.J.).*



**TAMA u FARAĠ**

*Messaġġ lill-Morda u l-Anzjani*

# TBIDDEL QUDDIEM DAK LI MA JISTAX JINBIDEL

Il-ħajja għandha ħafna sabiħ x'toffrilna. Dan hu ta' min jitħabat għalih biex jakkwista minnu kemm jista'. Iżda ħafna drabi l-ħajja hi sabiħa daqskemm nagħmluha aħna. Hu veru li hemm ħafna ħwejjeġ li wieħed ma jistax ibiddilhom iżda hu daqshekk ieħor veru li wieħed dejjem jista' jħares lejn is-sabiħ tal-ħaġa. Meta nagħmlu hekk ma nkunu biddilna xejn għax kollox kif kien jibqa' iżda nkunu nbdilna aħna u tgħallimna nieħdu l-ħajja kif tiġi. Hawn ma rridux nifhmu ħażin għaliex aħna għandna dejjem inbiddlu u ntejbu dak li nistgħu. Iżda xi mkien irridu naslu f'qagħda fejn ma nistgħux nagħmlu aħjar minn hekk. Hu f'dan il-punt fejn imbagħad irridu nilqgħu l-ħajja kif tiġi. Wara kollox jekk ma nagħmlux hekk aħna nkunu li naħbtu ħażin u dan narawh jiġri madwarna.

Min jaf kemm iltqajna ma' nies li għandhom akkwist ta' bosta ħwejjeġ iżda jonqoshom xi ħaġa kbira għax xorta ma humiex kuntenti kif inhuma. Hemm mill-banda l-oħra nies li fil-ħajja jonqoshom bosta xorti iżda xorta f'qalbhom hemm il-paċi u l-ferħ.

Min fejn jiġi dan jekk mhux mill-fatt li wieħed jaf kif jilqa' l-ħajja u l-ieħor ma jafx. Hemm bżonn li nifhmu illi mhux fil-KEMM imma fil-KIF qiegħed is-sigriet tal-paċi. Dan igħodd mhux biss fejn jidħol il-ġid materjali iżda anke fejn jidħlu ħwejjeġ oħra bħal ma hi s-saħħa li hi waħda mill-akbar akkwisti li jista' jkollna fil-ħajja.

Minn min hu marid jew imdaħħal fil-għomor tistenna u tifhem li hemm nuqqas ta' xi ħaġa sabiħa mill-ħajja iżda anke hawn jeħtieġ li wieħed jitbiddel hu quddiem dak li ma jistax ibiddel. Meta aħna nagħmlu hekk inkunu nifhmu illi fil-ħajja wieħed ma jistax ibiddel id-direzzjoni tar-riħ minn fejn ikun ġej, iżda bħall-baħħar għaqli wieħed dejjem jista' jdawwar il-qala u jirranġaha b'mod li, għalkemm b'ħafna diffikultajiet, il-qoxra f'wiċċ l-ilma timxi 'l quddiem u mhux titkaxkar mar-riħ.

Id-darba li ġejja naraw kemm jaqbel li wieħed fil-ħajja għandu jmidd spallejh biex jerfa' s-salib.

MULEJ, AGĦTINI

**SABAR** biex naċċetta dawk il-ħwejjeġ li ma nistax inbiddel.

**ĦILA** biex inbiddel dak li nista'.

**GĦERF** biex nagħraf id-differenza.

(Reinhold Niebuhr).

**DUN ĠUŻEPP CINI.**

*God uses people in his plan of salvation. Mary was and is a key-person in this great work.*

# BLESSED IS SHE

Christianity will soon be 2,000 years old. During all that tiem a woman has held a place close to the centre of our Faith: Mary, the Mother of Jesus, the Mother of God. We have remembered her, praised her, and asked her for help. Let us recall who this woman is.

## The Mother of Jesus

Christ's birth began a new age for mankind. God the Son was going to become a man like us in all things, but sin. At this moment, when our Faith began, Mary entered the scene. Jesus would be born of a woman, and the chosen woman was Mary.

Silence is *the* characteristic of Mary's earthly life. In the Gospels she rarely speaks — a few sentences, no more — yet at the dawn of our salvation one phrase from Mary heralded the coming of the Messiah. The angel told her she would conceive and bear a son, she was "deeply troubled" by the event, but as God's handmaid she replies: "be it done to me according to your word".

Mary, a virgin soon to be married, was now a mother. She was probably still only in her teens, and probably living at home with her family. She lived in the Roman Province of Syria, in Palestine, a remote and troublesome part of the Empire. She lived in Galilee, in the northern part of the country, and remoter still, in the town of Nazareth, a town 60 miles from the centre of life in Jerusalem. Her family situation cannot have been affluent, for her fiancé was an artisan, a carpenter who would have drawn his work from the town and surrounding farmland.

## A Key Person

Mary was a pious Jew, she had faith in



God's promise to save his peoply by sending a Messiah. Now in silence and obscurity, with no outward sign of the great event taking place, Mary found herself a key person in the whole plan of salvation. Already, in even greater silence, unknown even to Mary herself, God was preparing her for his Son's coming. The Redeemer would destroy the separation that had come into mankind's life with God. But Mary, chosen to cooperate so closely in the Messiah's coming, had been preserved from this separation. She was born without the stain of Original Sin, so that she could hear God's call more clearly, and respond more readily. Now with her, the long preparation of the chosen people, had come to fruition. Mary had been troubled by what the angel had announced, it would be many years before she would know the full scope of what she had been called to become.

## Brief Glimpses

Mary visited Elizabeth, gave birth to

Jesus, presented him in the Temple, heard Simeon, and later found her Son there among the teachers. She lived with Christ, and saw him grow to manhood. For the time being, her task and Joseph's was to provide the normal human nurture and support for her child. Somehow she knew that the life of her Son would have far more importance for men's lives than was apparent in Nazareth. Finally it was through her bidding, while with him at a wedding in Cana, that his public life began. The Gospel's give us only these brief glimpses into the home in Nazareth, and for the whole of Jesus' public ministry Mary is in the background. Only at the end of his life does she re-appear at the foot of the Cross. There Christ gives her to be the mother of John, and mother of all his disciples. With her Son's death and resurrection a stage in Mary's service ended, and her 'public life' began.

## Mary and Ourselves

**When Christ gave Mary to John a** relationship was established between her and his Body on earth, the Church. No longer would Mary be the mother of one son, but she would be a relation to every Christian. Shortly after the Resurrection we see her in her new role, when she was with the apostles in the Upper Room in Jerusalem, united in prayer with and for the Church (Acts I: 12-14). The beginning of her life was special. She was conceived immaculate, and this became a sign for us of our life when reborn in baptism. Also the end of her earthly life was special. She was assumed into heaven. The life she now enjoys has become a sign of our final destiny.

Mary, Mother of God, is, by God's will our mother too. At the beginning of Christ's life, God the Son was given into her care. Now we who have been made sons and daughters of God by Christ, are given into her care. From heaven she exercises this care, listening to our needs, and giving us support and consolation. Most of all she cares for our growth. When Jesus, aged twelve, returned with her and Joseph from Jerusalem, he was obedient to them, and St Luke adds "And Jesus increased in wisdom and in stature, and in favour with God and man" (Lk 2:52). With a mother's care she oversees the same process in our lives.

## God Uses People

In the plan of salvation, God uses people, here and in heaven, to bring mankind to union with him. In this sharing in the work of Christ's redemption, Mary holds the most important place. She was essential in bringing Christ to us. Now her sharing in Christ's work continues: through the Holy Spirit, she brings us to him. At Cana she directed the stewards to whom they must go, now she so directs us. She does this by example, care, and intercession

Being Mother of God, apart from anything else, would have meant we would remember her as a great saint. Mary is the faithful virgin unique in her devotion to God, a sublime model of holiness for us to imitate. But besides this, we have in Mary's life the clearest exemplar (though in a special way) of the effect of God on, and the design of God for, our lives. In the Immaculate Conception and the harmony between her life and God's will, we see the unity between God and man for which we strive in the Church. In her Assumption we see our lives as they will finally be with Christ, and so she inspires our hope. Christ came to establish the Kingdom of God. Silently she co-operates with this transformation of our world, and we glimpse in her what its completion will be like.

## Creature, Model, Mother

Prayer is praising and rejoicing in the wonder and beauty in God's creation and deeds. Mary is the most beautiful of creatures, and is intimately connected with his greatest deed — our redemption. As Christians we rejoice because of Mary, and we strive to imitate her. As our mother she is involved in our lives as pilgrims on earth. She intercedes with us in all our prayers, and we in turn hold her in a place of special affection. In this article I have attempted to give a very brief outline of Mary's place in our Faith. This quick glance at her, I hope, will help us to appreciate her words in the *Magnificat*: "henceforth all generations will call me blessed" (Lk 1:48).

**FR. THOMAS O'LOUGHLIN.**

# REGINA PACIS

Fil-beraħ tas-sema kaħlani,
titliegħeb maż-żiffa tar-riħ,
għaddejja ħamiema mistura
f'tajjar abjad silġa, sabiħ.

Ġo fommha, marsusa f'xufftejha,
x'ħin b'ħeffa tiġġerra w ittir,
iġġorr werqa ċkejkna w imfewħa
minsuġa mill-ifejn ħarir.

Ħarsitha ħanina titfagħha
fuq dinja ta' hemm u ta' dieq
li neżgħet il-paċi minn qalbha
u tbiegħdet minn Sidha l-Ħallieq.

'Mma f'daqqa l-ħamiema bil-ħlewwa
il-werqa għal isfel irħiet,
u din bħal xi omm kollha ħniena
bis-sliem lil kull bniedem imliet.

Dlonk għarfet id-dinja miġruħa
u b'niket il-gwerer mifnija
li dik il-ħamiema ma kienet
ħadd iżjed ħlief Sidtna Marija!

Reġina tal-Paċi sellmulha
b'imħabba ta' wlied il-bnedmin!
Reġina tal-Paċi sejħulha
b'għajnejhom bid-dmugħ maħsulin!

Il-ħlejjaq għannew l-isbaħ għana
qalb waħda flimkien, imbikkija,
u lissnu b'turija ta' tama
it-talba ta' l-Ave Marija.

U ħalfu ll s-sliem jibqa' jgħammar
f'kull rokna, f'kull dejr tal-ħolqien;
u wiegħdu 'l Marija li l-paċi
tisseddaq sat-temma taż-żmien.

**KAN. JOE MEJLAK.**

*Poeżija li ssemmiet b'tifħir fil-Konkors ta' Poeżija Marjana mniedi mis-Santwarju ta' Pinu fl-okkażjoni tas-Sena Marjana.*

# MILL-ĦAJJA TAS-SANTWARJU

*Miġbura minn* **DUN KARM BORG**



**OTTUBRU** *(ikompli)*

**26.** Beda "weekend Retreat" minn grupp ta' żgħażagħ minn Ħaż-Żebbuġ fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Santwarju. Mexxa dan l-irtir Dun Frans Abdilla.

**NOVEMBRU:**

**5.** Il-Fergħa Ewkaristika ta' Malta żammet il-laqgħa tagħha ta' kull xahar fis-Santwarju. Saret quddiesa u wara siegħa adorazzjoni. Ħadu sehem għadd ta' Għawdxin minn diversi parroċċi.

**19.** Il-Moviment Ewkaristiku organizza Lejl ta' Talb fis-Santwarju. Mons. Rużar Borg, Direttur tal-Moviment Ewkaristiku, fetaħ din il-lejla ta' talb b'quddiesa li bdiet fit-8.00 p.m.

**21.** Fl-okkażjoni tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna, il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb mexxa Għasar u Quddiesa Kantata fis-Santwarju.

**24.** L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol G. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fis-Santwarju fl-okkażjoni ta' Jum ir-Radd il-Ħajr. Huwa wassal messaġġ ta' l-okkażjoni lil dawk preżenti.

**DIĊEMBRU:**

**3.** Saret quddiesa u siegħa adorazzjoni li kienu organizzati mill-Fergħa Ewkaristika. Għadd sabiħ ta' devoti ta' l-Ewkaristija ħa sehem f'din il-laqgħa ta' talb.

**8.** Ir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb, mexxa Għasar u Quddiesa Kantata fis-Santwarju fl-okkażjoni tal-Festa ta' l-Immakulata.

**9.** Fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Santwarju ġie organizzat 'weekend retreat' minn grupp ta' Kariżmatiċi.

**13.** Fl-okkażjoni ta' l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tas-Santwarju, ir-Rev.mu Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb mexxa Għasar u Quddiesa Kantata.

**28.** Ġie organizzat pellegrinaġġ għall-anzjani mill-parroċċa tal-Qala. L-anzjani ħadu sehem f'quddiesa u ġie reċitat ukoll xi talb lill-Madonna. Il-pellegrinaġġ kien immexxi mill-Arċipriet, il-Kan. Dun Anton Sultana.

**29.** Fr. Paul Fenech mexxa pellegrinaġġ mill-parroċċa ta' Bormla. Sar talb ta' ringrazzjament lil Alla għal tant grazzji mogħtija bl-interċessjoni tal-Madonna matul is-sena 1988; b'ringrazzjament ukoll għall-Ftuħ tad-Dar mis-Sorijiet ta' Madre Theresa fil-parroċċa ta' Bormla.

Waħda mix-xeni kommoventi fil-Vanġelu hi l-laqgħa ta' Marija li tagħti 'l Binha fid-dirgħajn ta' Simeoni u Anna fit-Tempju: bit-talb li sar mit-tnejn raw is-Salvatur.

*(G. Maloney).*

# Grazzi Madonna Għax Smajtni



DUBLIN,
20.4.88.

Dear Rev. Father,

I had the pleasure of visiting your lovely island recently while on holidays in Malta, and I felt privileged to visit Our Lady's of Ta' Pinu's Shrine. While there I prayed for my twin grand daughters, 5 years old, and suffering from Cystic Phibroxs. They had been in hospital for three weeks and there was no sign of them being able to go home when I visited them.

When I arrived home from my holidays I received a card from my son and daughter-in-law telling me the children had been sent home from hospital on the 11th March, the very day I prayed in your Sanctuary to Our Lady. I also prayed that my son would get work, and he rang me when I got home to tell me he had got a job. I will be forever greatful to our Lady of Ta' Pinu, and will always say the prayer to her every day of my life. I am enclosing £5 for mass in thanksgiving and I hope someday to return to your lovely island and visit your Church again.

Greatful thanks to Our Blessed Lady,

Yours very sincerely,
N.N.

**GHAWDEX:**

Joe Apap; Ġużepp Vella; Carmen Attard; Michael Vella; M. Theuma; Maria Sultana; Pietru Muscat; Toni Muscat; Maria Aquilina; Margaret Zerafa; Silvia Said; Maria Portelli; Ġanna Buttigieg; Karmenu Refalo; Karmenu Buttigieg; Marianna Refalo; Anġlu Hili; Jesmond Borg; Maria Debono; Joe Galea; Rose Curmi; Paul Andrew Vella; Mary Farrugia; Anġlu Farrugia; Lorenza Farrugia; Joseph Cordina; Rose Muscat; Catherine Zerafa; Miriam Bugeja; Ġużeppa Camenzuli; Doris Curmi; Pawla Portelli; Doris Sultana; Rita Sultana; Rita Said; Jessie Farrugia; John Buttigieg; Maria Debrincat; Charlie Farrugia; George Casha; Marija Mizzi; Anthony Calleja; Pawlu Said; Rose Saliba; Raymond Schembri; Maria Pisani; D. Cauchi; George Borg; Franġiska Sultana; Olympia Cremona; Michael Azzopardi; Karmnu Saliba; Marianne Saliba; Kelina Portelli; Ġorġina Calleja; Marija Caruana; C. Vella; Frank Attard; Carmen Cini; Grace Frendo; Mario Azzopardi; Pawlu Grima; Ġuża Grima; John Sultana; Maria Buttigieg; John Azzopardi; John Grech; Frank Grima.

Mary Azzopardi; Carmel Camilleri; Silvia

Said; Mr. & Mrs. J.J. Muscat; Salvu Galea; Lorenza Bajada; Toni Azzopardi; Ġuża Attard; Pauline Grima; Philip Bonello; Pawla Portelli; Angela Borg; Rose Camilleri; Oina Cavallaro; Victor Theuma; Joanne Vella; Emmanuel Debrincat; Julian Farrugia; George Refalo; Victor Vella Muscat; Rita Mejlak; Carmela Muscat; Feliċ Camilleri; Victor Borg; Francis Said; Netta Grima; Emmanuel Buttigieg; Mary Galea; Tarċisja Muscat; Tarcisio Mifsud; Veronica Grima; Joe Sultana; Maria Debono; Angela Borg; Maria Falzon; Maria Vella; Ġużeppa Saliba; Anthony Theuma; Rita Camilleri; Salvina Camilleri; Laurine Vella; Joann Sciberras; Ċetta Xerri; Ġorġ Galea; Tona Muscat; Angela Mizzi; Margerita Muscat; Franġiska Debono; Maria Camilleri; Marianna Muscat; Karmena Camilleri; Victoria Sciberras; Mike Grima; Arthur Muscat; Paul & Ġuża Camilleri; Rita Axiaq.

Joe Vassallo; Marija Antonja Formosa; Nazzareno Cardona; Natu Debono; Loreto Camilleri; Stella Camilleri; Stella Formosa; Antonia Zahra; M.J. Debono; Sunta Cassar; Ġorġ Sultana; Stella Aquilina; Gerita Buttigieg; Elvin Cassar; Tereża Cardona; Tarċisja Portelli; Angel Mercieca; Antonia Grima; Carmen Pisani; Ġuża Azzopardi; Salvu Debrincat; Grazia Said; Ġuża Buttigieg; Josephine Grech; Carmelo Borg; Anthony Borg; Alfred Rapa; Maria Spiteri; Pietru Muscat; Ġużepp Formosa; Ġużepp Grech; Elizabeth Azzopardi; Toni Muscat; Carmen Borg; Tonina Spiteri; Ġuża Cauchi; Carmen Bortone; Tony Borg; Giovann Grech; Carmen Attard; Maria Attard; J. Galea; Lucy Saliba; Salvu Camilleri; Elizabeth Haber; Carmelo Sciberras; Ġuża Grech; Michael Grima; Emmanuel Caruana; Mary Portelli; Doris Mercieca; Ġanni Spiteri; Michael Vella; Toni Grech; Ġorġ Borg; Ewkaristiko Sultana; Lela Grima; Ines Grech; Raymond Spiteri; Mario Buttigieg; Tarcisio Mercieca; Lora Camilleri; Giovanna Attard; Rose Marie Cauchi; Antonia Sciberras; Ġanna Pace; Mary Caruana; Lucy Vella

## MALTA:

Mary Caruana; Carmela Sillato; Carmela Cassar; Rita Galea; Jacqueline Cassar; Pia Cassar; Carmen Attard; Anton Galea; Carrie Farrugia; Gejtu Mifsud; Joe Vella; Doreen Bugeja; Karmena Azzopardi; Mary Bellizzi; Agata Grech; Carmel Casha; Ġuża Aquilina; Mary Bonello; Familja Deguara; Rita Busuttil; Agata Farrugia; Raymond Bugeja; Paul Dimech; Manwel Zammit; Luqa Cutajar; Ester Gauci; Anne Gatt; Maria Gatt; Angela Mifsud; Helen Farrugia; Mary Aquilina; Venera Vella; Mary Caruana; Ġuża Vella; Doris Vella; Mary & John Azzopardi; Paul & Doreen Calleja; Martin Mercieca; Rita Pace; Anna Gauci; Ġuża Fenech; Mary Agius; Ġużeppa Saliba; Loreta Saliba; Annie Vassallo; Maria Cauchi; Francis Gauci; Apolonia Farrugia; Lorenza Ciappara; Adelaide Callus; Mary Vella; Carmela Demarco; Ines Castagna.

Josephine Cini; Manwela Spiteri; Lourdes Grech; Maria Falzon; Vanna Galea; Antonia Calleja; Francis Cassar; Stella Sammut; Pawla Bugeja; Pawlu Bugeja; Michael Grech; Karmena Borg; Josephine Galea; Annie Bowman; Charles Caruana; Lina Vassallo; C. Agius; Carmelo Borg; Karmena Azzopardi; Rita Bonnici; Karmena Vella; Alfred Gordalo; Ewkaristika Buhagiar; Raymond Zammit; Carmen Palmier; Doris Galea; Rita Darmanin; Monica Galea; Joseph Rapa; Carmen Attard; Elizabeth Saliba; Joseph Ciantar; S. Carter; Vanessa Saliba; Karmena Grech; Valentino Vella; Ludgarda Bezzina; Rita Attard; Ġ. Borg; C. Grech; Carmen Falzon; Kunsilja Busuttil; Carmel Zahra; M'Rose Vella; Rita Ellul; F. Cassar Parnis; Christ Azzopardi; Tereża Caskun; Consilia Cremona; Tereża Costa; Mary Gerada; Saviour Vella; Charles Magro; Victoria Chetcuti; J. Zammit.

Lino Cuomo; Pelly Josephine Cuomo; Eric Tabone; E. King; Ivy Grech; Joanne Portelli; A. Camilleri; Charmaine Galea; Helen Zammit; Emmanuel Borg; Mary Cachia; Victoria Demanuele; James Rizzo; Elizabeth Brincat; John Brincat; Maria Pia Gauci; Charles Schembri; Fr. Peter Xuereb; Anna Gauci; Antoinette Vassallo; Tony D'Anastasi; Mary Camilleri; Rianne Cardona; Ġorġ Cardona; Polly Cutajar; Lina Micallef; Mary Borg; Albert Ganado; Carmen Xerri; Joseph Haber; Elizabeth Borg; Joe Gauci; Charles Azzopardi; Capt. & Mrs. Vizay; J. Galea; Emmanuel Farrugia; John Grech; Rose Marie Cauchi.

## AWSTRALJA:

J.C. Mizzi; Nina Zahra; Mary Spiteri; Maria Theuma; S. Said; M'Ġwann Camilleri; Connie Cauchi; Ġuża Gatt; Salvina Borg; Nancy Camilleri; Joe Curmi; Marija Schembri; Olympia Frendo; Rose Spiteri; Rose Cassar; Mrs. Theuma; Karmnu Gatt; Rose Xuereb; Mr. & Mrs. Joe Cassar; Frank Said; Tania Vella; Maria Vella; Mr. Veron Sciberras; C. Axiaq; Joseph Grima; Rita Azzopardi; Mrs. F. Vella; Vicky Vella; Tedia Zammit; Nat. Ant. Theuma; Rena Calleja; Wistina Vella; Carmen Mifsud; Carmen Mercieca; Anthony Galea; Wistin Theuma; Charlie Debrincat; Charles Gauci; Clare Parnis; Mary & Joseph Buhagiar; Franġisk Cassar; J. Borg; Jean Grech; Carmen Grech; Mary Theuma; Salvina Borg; Lucia Gatt; L. Abela; Maria Spiteri; Anna Camilleri; R. Deguara; E.D. Gatt; Carmen Cauchi.

**U.S.A.:**

Joseph Buttigieg; Charlie Hili; Wandra Garone; Carmen Radman; Jane Azzopardi; Ethel Kaplan; Maria Buhagiar; Jane Galea; Rita Camilleri; Mikelina Vella; Victoria Cassar; Toni Casha; Paul Mizzi; Lorraine Portelli; Ursola Falzon.

**KANADA:**

Carmen Xuereb; Joe Costa; Eugenia A. Attard; Mr. & Mrs. George Camilleri; Mr. & Mrs. John Mercieca; Rita Farrugia; Ġuża Borg; Doris Grima.

**INGILTERRA:**

Lonza Borg; Mr. & Mrs. Dixon; Helen & Michael Stuart; Mr. Joan Conway; Eric Borg; Carmel Camilleri; E. Mifsud.

## QASSISIN LI QADDSU FIS-SANTWARJU:

Rev. Carmel Borg; Fr. John Muscat; Fr. Paul Fenech; Fr. Charles Cini; Dun Marċell Tabone; Fr. John Philip Curmi M.S.S.P.; Rev. Joseph Camilleri Cini; Mons. Gius. Borg; Dun Ġwann Dimech; Fr. Christopher Farrugia O.F.M.; P. Diego Theuma O.F.M. Cap.; Dun Karm Hili; Rev. Egidio Mizzi O.F.M. Conv.; Dun Giov. Marija Cauchi; Dun Ġużepp Vella; Fr. Ġorġ Frendo; Dun Joseph Mercieca; Dun Salv Vella; P. Placido Rivelli O.F.M.; P. Timotju Azzopardi O.Carm.; Fr. Mark Demanuele M.S.S.P.; Can. Joseph Zahra; Fr. Vincent Caruana O.S.A.; Fr. Tony Buhagiar O.S.A.; Kapp. Richard Borg; Fr. Joseph Saliba; Fr. Fabio Attard S.D.B.; Fr. Alfred Vella; Fr. Carmel Polidano; P. Francesco Azzopardi O.F.M. Cap.; Fr. J. Bugeja; P. Franġisk S. Caruana O. Carm; Dun Karm Borg; Fr. Nicholas Pace; Can. G. Scriha; Fr. Noel Vassallo; Fr. Anthony Caruana S.D.B.; Fr. Mario Abela O.S.A.; Fr. Eddie Pace O.F.M.; Dun Ġwann Mizzi.

Rev. Michael Xuereb; D. Michael Galea; Fr. C. Attard S.D.B.; Fr. Joe Cilia S.D.B.; I-E.T. Paul Darmanin; Rev. Louis Lubao; Fr. Alex Bezzina; Fr. Frankie Sultana; Dun Ġorġ Mercieca; Mons. Lawrenz Xerri; Dun Pawl Camilleri; Fr. Mario Cassar; Fr. Martin Coleiro O.F.M.; Dun Manwel Cordina; Dun Karm Refalo; Dun Anton Attard; Mons. Gużepp Grech; Can. Anton Refalo; Mons. Rużar Ġ. Borg; Rev. Philip Gatt; Can. Joseph Grech; Rev. Philip Gatt; Saċ. Renato Borg; P. Luqa Theuma; Fr. Feliċ Sammut O.F.M. Conv.; Fr. Frans Abela Giusti O.F.M. Cap.; Dun Eddie Zammit; Dun Charles J. Scicluna; Ks. Nojcrech Nowacki; Fr. Karm Borg MSSP.; Fr. R. Wirth SJ.; Rev. Paul C. Vella; Rev. Paul Sciberras; Fr. Nicholas Cachia; Fr. Nicholas Pace; Saċ. Raymond Cassar; Fr. Edgar Vella; P. Silvestro Magro OFM.; Rev. Michael Farrugia O. Carm.; Mons. Joseph Schembri; Mons. Salv Fenech; Fr. Albert Micallef O.F.M.; P. Nerik Cassar O.F.M.; Fr. Alf. Camilleri; Fr. Carm Aquilina; Fr. Anthony Theuma; Dun Ġużepp Zammit; P. Manwel Adami MSSP.; Fr. Joseph Sultana; Dun Anton Bajada; Fr. Joseph Bezzina; Mons. Gregorio Vella.

P. Adeodato Schembri OSA.; Can Carmelo Cini; Dun Peter Xuereb; Fr. Frank Buhagiar; Dun Mikiel Attard; Mons. Josè Agius; Mons. Arċ. Carmelo Scicluna; Kan. Salv Pace; Kan. Dun Salv Curmi; Can. Martin Portelli; Dun Ġwann Scicluna; Saċ. Carmelo Gauci; Dun Karm Hili; Fr. Raymond Bonnici OFM Cap.; P. Joe Buttigieg OFM Cap.; Dun Anton Borg; Can. John Bartolo; Fr. Bill Wilbey; Fr. Benjamin Galea S.J.

## ŻWIĠIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Francis Refalo mix-Xagħra u Rita Caruana mill-Għarb; Philip Cassar mix-Xewkija u Miriam Spiteri minn Victoria (S. Ġorġ); Charlie Camilleri mill-Qala u Pauline Xuereb minn Għajnsielem; Paul Schembri mix-Xagħra u Angela Debrincat mix-Xewkija; Joseph Spiteri mix-Xewkija u Joan Tabone miż-Żebbuġ; John Vella mill-Għasri u Rożanna Bajada mill-Munxar; Emmanuel Rapa mix-Xewkija u Rita Zammit mill-Għarb.

## MAGĦMUDIJIET LI SARU FIS-SANTWARJU:

Kenneth bin Jorn Elvegard u Marija Antonia née Agius mill-Għarb; Diana bint Vincent Apap u Josephine née Briffa; Lourdes bint Joseph Vella u Carmela née Vella minn Kerċem; Jennifer bint Emmanuel Curmi u Loreta née Debrincat min-Nadur; Simone bint John Chatlani u Radhika née Buxani minn Valletta (Malta); Bryan bin Joseph Portelli u Rita née Abela min-Nadur.

## PREŻENTAZZJONI TA' TRABI LILL-MADONNA:

Lisa Nicole Spiteri — Għajnsielem; Charlot Mamo — Żabbar; Tiziana Mamo — Żabbar; Andrew John Vella — Qormi; Stephan Zerafa — Qormi; Carmelina Borg — B'Kara; Owen Catania — Pawla; Jason Grech Nadur; Samantha Grech — Nadur; Jessica Tabone — Mosta; Clint Camilleri — Qala; Edward Gusan — Paola; Jeanelle Vella — Qormi; Rosalie Magro — M'Xlokk; Christian Cachia — Santa Venera; Patricia M. Zammit — Żabbar; Stephan John Zammit — Żabbar; Nadya Anne Coppini — Victoria; Matthew Manuel Vella — Mellieħa; Charline Muscat — Żebbiegħ; Lisa Marie — Żebbiegħ; Nancy Muscat — Żebbiegħ; Aaron Scicluna — Victoria; John Degiorgio — Qormi; Stephanie Decelis — B'Kara; Anthea Bugeja — Qormi; Ritienne Bondin — Gudja; Bernardette Debono — Luqa; Nathan Anthony Azzopardi — St. Julian's; Shawn Bartolo — New York.

Maryly Theuma — Qormi; Caroline Azzopardi — Qormi; Efrem Arpa — San Ġwann; Lenice Abela — Ħamrun; Sean Cauchi Xewkija; Paul Spiteri — Birżebbuġa; Silvianne Buttigieg — Nadur, Charlene Zahra — Gudja; Clayton Cuschieri — Naxxar; Krystle Cuschieri — Naxxar; Rodney Farrugia — Siġġiewi; Emmanuel Spiteri — Fgura; Fabien Naudi — Naxxar; Joseph Azzopardi — L-Iklin; Jonathan Pace — Birżebbuġa; Sefora Vella — Qormi; Rodrick Vassallo — Ħamrun; Claudette Farrugia — Xagħra; Joseph Cini — Xewkija; Matthew Micallef — Valletta; Sara Dalli — Tarxien; Louisianne Sultana — Żebbuġ; Vanessa Vella — Qormi; Clare Anne Scicluna — Qormi; Leonell Mintoff — Santa Venera; Christian Mallia — Tarxien; Jason Vassallo — Manicata; Samuel Vassallo — Manicata.

## *THE FAMOUS STAIRWAY* *(Jaqbad minn paġna 180)*

at the time, and during his chat with her he casually asked if there was anything around the convent he could do.

The Mother Superior explained their current problem to the man who had so suddenly arrived in their midst and wondered if there was anything he could do to assist.

The stranger then apparently intimated that he would do his best and immediately set about working on a stairway from the church to the choir loft.

When this was constructed it included two turns of 360 degrees and thirty-three steps and the whole thing was an absolute delight to the eye. It is said when Mother Magdeline sought out the carpenter to pay him for his work he was nowhere to be found. Quite naturally this caused a great deal of talk and speculation and when the news got abroad people came in their hundreds to view the masterly workmanship. Many in fact were so dubious about the conformation of the staricase that not only did they shake their heads in disbelief, but believed the moment someone used it would collapse.

Perhaps one of the most unusual features about the stairway is the fact that it has no nails — the entire thing is put together with wooden pegs.

Nor did it disintegrate when used; furthermore, about six years after its erection a rail was added.

The mystery deepens — the wood used in the construction of the stairway is spliced in seven places on the outside, each forming a curve. When a check was later made it was revealed no wood was purchased from any of the local timber yards. Who supplied it was never made known.

Those who have had the good fortune to study this structure in the church at Santa Fe are always astonished to learn that the only tools ever seen in the grey-haired tradesman's hands were a hammer, a T square and a saw.

The secret — if there is one — of the construction of this now famous staircase may never come to light. But without a doubt there is a touch of the miraculous about the entire circumstance.

A.M.D.G.

# Servizz Soċjali bit-Telefon mill-Prayer Group "Madonna ta' Pinu"

*mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m.*

**Ċempel fuq dawn in-numri**

| IT-TNEJN | IT-TLIETA | L-ERBGHA | IL-HAMIS | IL-ĠIMGHA | IS-SIBT |
|---|---|---|---|---|---|
| TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. | TEL. NO. |
| 552608 | 554051 | 552608 | 551511 | 554051 | 551511 |

*Meta ċċempel staqsi għas-*"**SERVIZZ SOĊJALI TA' PINU**"

**Int Devot tal-MADONNA TA' PINU????**
**TRID tagħtiHa xi ĦIDMA voluntarja,**
**mas-SANTWARJU tagħHa ta' Pinu????**

*X'tista' tagħmel!!!*

* ***"Servizz Soċjali bit-Telefon".***
* ***"Kuntatti għall-Ħidma ta' Paċi".***
* ***"Usher fil-Quddiesa tal-5.00 p.m. il-Ħadd".***
* ***"Gwida matul il-weekend fil-Mużew ta' Karmni Grima jew ta' Frenċ ta' l-Għarb".***

*Jekk tħoss li għandek tgħin f'xi waħda minn dawn l-attivitajiet:*

- ***Kellem lir-Rettur tas-Santwarju, Mons. Dun Beneditt Camilleri.***
- ***Ikteb lis-Segretarja: Prayer Group "Madonna ta' Pinu", c/o Santwarju Ta' Pinu, Għawdex.***
- ***Attendi għal-laqgħa tal-Prayer Group "Madonna ta' Pinu" fir-4 Ħadd tax-xahar, fid-9.30 a.m. fis-Santwarju.***



IS-SANTWARJU TA' PINU MIBNI WARA LI L-MADONNA KELLMET LIL KARMNI GRIMA.

*"Il-Verġni Marija li mit-tħabbira tal-Anġlu laqgħet f'qalbha u f'ġisimha l-Verb t'Alla u ġabet il-ħajja lid-dinja, hu magħrufa u unurata bħala vera omm ta' Alla u tar-Redentur. Hi stess meħlusa b'mod sublimi, in vista tal-merti ta' Binha u Miegħu marbuta minn rabta iebsa li ma tinħallx, hi mgħonija b'uffiċċju l-aktar għoli u bid-dinjità ta' Omm tal-Iben t'Alla, u għalhekk bint maħbuba tal-Missier u tempju tal-Ispirtu s-Santu: u li minħabba dan id-don tal-grazzja l-aktar għolja tisboq b'mod kbir lill-kreaturi l-oħra kollha fis-sema u fl-art. Hi madankollu marbuta flimkien mar-razza ta' Adam mal-bnedmin kollha fi ħtieġa tal-fidwa, anzi hi "tassew omm tal-membri (ta' Kristu) ...għaliex ikkooperat bl-imħabba għat twelid tal-fidili tal-Knisja, li ta' dak ir-Ras huma membri". Għal dan hi magħrufa wkoll bħala l-membru singulari u ewlenija tal-Knisja u figura tagħha u mudell l-aktar perfett ta' fidi u ta' karità, u l-Knisja Kattolika, mgħallma mill-Ispirtu s-Santu bl-imħabba ta' pietà ta' bint tiveneraha bħala Omm l-aktar maħbuba".*

*(Mill-Kostituzzjoni Dommatika "Lumen Gentium")*